# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 219

Volum 57

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni — 25 ta' Lulju 2014


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 798/2014 tat-23 ta' Lulju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 li jiffissa dazji addizzjonali tal-importazzjoni fl-oqsma tal-laħam tat-tjur u l-bajd u għall-albumina tal-bajd** ..... 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 799/2014 tal-24 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi mudelli għal rapporti ta' implimentazzjoni annwali u finali skont ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal sostenn finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet** ..... 4

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 800/2014 tal-24 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi proċeduri ta' rappurtar u arranġamenti prattiċi oħrajn dwar il-finanzjament ta' sostenn operattiv skont programmi nazzjonali u fil-qafas tal-Iskema ta' Transitu Speċjali skont ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal sostenn finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża** ..... 10

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 801/2014 tal-24 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi l-iskeda taż-żmien u kundizzjonijiet oħra ta' implimentazzjoni relatati mal-mekkaniżmu għall-allokazzjoni tar-riżorsi għall-Programm ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni fil-qafas tal-Fond tal-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni** ..... 19

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 802/2014 tal-24 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi mudelli għal programmi nazzjonali u li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet tas-sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal sostenn finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet** ..... 22


MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 803/2014 tal-24 ta' Lulju 2014 li jemenda ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 412/2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina** ..... 33

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 804/2014 tal-24 ta' Lulju 2014 li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 1122/2009 fir-rigward tat-tnaqqis tal-ammonti tal-għajnuna għat-tressiq tard ta' applikazzjonijiet uniċi u applikazzjonijiet għall-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagamenti b'relazzjoni għal ċerti żoni tal-Italja milquta minn għargħar fl-2014** 35

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 805/2014 tal-24 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 37

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kunsill 2014/86/UE tat-8 ta' Lulju 2014 li temenda d-Direttiva 2011/96/UE dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni applikabbli fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti** ..... 40

★ **Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom tat-8 ta' Lulju 2014 li temenda d-Direttiva 2009/71/Euratom li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari** ..... 42

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/496/PESK tat-22 ta' Lulju 2014 dwar aspetti tal-iskjerament, l-operazzjoni u l-użu tas-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita li jaffettwaw is-sigurtà tal-Unjoni Ewropea u li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK** ..... 53

2014/497/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Lulju 2014 fir-rigward ta' miżuri li jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid tal-*Xylella fastidiosa* (Well u Raju) fl-Unjoni** *(notifikata bid-dokument C(2014) 5082)* ..... 56

---

**Rettifika**

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni Nru 2 tal-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji tal-21 ta' Mejju 2014 rigward it-talba tar-Repubblika tal-Moldova biex issir Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji** (ĠU L 217, 23.7.2014) ..... 65

★ **Rettifika għad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (Tfassil mill-ġdid)** (ĠU L 335, 17.12.2009) ..... 66

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 798/2014

**tat-23 ta' Lulju 2014**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 li jiffissa dazji addizzjonali tal-importazzjoni fl-oqsma tal-laħam tat-tjur u l-bajd u għall-albumina tal-bajd**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill [1] (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007, u b'mod partikolari l-punt (b) tal-Artikolu 183 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli u jħassar r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 u (KE) Nru 614/2009, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(6)(a),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 [3] li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' sistema ta' dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni u jiffissa dazji addizzjonali tal-importazzjoni fl-oqsma tal-laħam tat-tjur u l-bajd u għall-albumina tal-bajd.

(2) Minn kontrolli regolari tal-informazzjoni li tipprovdi l-bażi għad-determinazzjoni tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodotti tas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll għall-albumina tal-bajd, jirriżulta li l-prezzijiet rappreżentattivi għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti għandhom ikunu emendati biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet skont l-oriġini.

(3) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 1484/95 għandu jiġi emendat.

(4) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li din il-miżura tapplika kemm jista' jkun malajr wara li d-dejta aġġornata ssir disponibbli, jeħtieġ li tali Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1484/95 jinbidel bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

---

(1) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
(2) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 1.
(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1484/95 tal-Kummissjoni tat-28 ta Ġunju 1995, li jistabilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' sistema ta' dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni u jiffissa dazji addizzjonali tal-importazzjoni fl-oqsma tal-laħam tat-tjur u l-bajd u għall-albumina tal-bajd, u jħassar ir-Regolament Nru 163/67/KEE (ĠU L 145, 29.6.1995, p. 47).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

*ANNESS*

*"ANNESS I*

| Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni tal-prodotti | Prezz rappreżentattiv (f'EUR/100 kg) | Garanzija msemmija fl-Artikolu 3(3) (f'EUR/100 kg) | Oriġini [1] |
|---|---|---|---|---|
| 0207 12 10 | Karkassi tat-tiġieġ preżentazzjoni 70 %, iffriżati | 121,8 | 0 | AR |
| 0207 12 90 | Karkassi tat-tiġieġ preżentazzjoni 65 %, iffriżati | 131,2 | 0 | AR |
| | | 143,0 | 0 | BR |
| 0207 14 10 | Qatgħat mingħajr għadam ta' sriedak jew ta' tiġieġ, iffriżati | 293,6 | 2 | AR |
| | | 220,0 | 24 | BR |
| | | 326,7 | 0 | CL |
| | | 244,2 | 17 | TH |
| 0207 14 60 | Koxox tat-tiġieġ, iffriżati | 122,7 | 6 | BR |
| 0207 27 10 | Qatgħat mingħajr għadam tad-dundjani, iffriżati | 344,2 | 0 | BR |
| | | 310,2 | 0 | CL |
| 1602 32 11 | Preparazzjonijiet nejjin ta' sriedak u tiġieġ | 251,6 | 11 | BR |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi 'ZZ' jirrappreżenta 'oriġini oħra'."

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 799/2014

## tal-24 ta' Lulju 2014

## li jistabbilixxi mudelli għal rapporti ta' implimentazzjoni annwali u finali skont ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal sostenn finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal sostenn finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 54(8) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat għall-Fondi għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u s-Sigurtà Interna stabbilit mill-Artikolu 59(1) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 flimkien mar-Regolamenti Speċifiċi msemmija fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014, jikkostitwixxu qafas għal finanzjament tal-Unjoni biex jiġi sostnut l-iżvilupp taż-żona tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 jesiġi lill-Istati Membri biex jissottomettu rapport ta' implimentazzjoni annwali lill-Kummissjoni għal kull programm nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jissottomettu wkoll rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali tagħhom sal-aħħar tal-2023. Sabiex ikun żgurat li l-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni hija konsistenti u kumparabbli, huwa neċessarju li jiġi stabbilit mudell għar-rapporti ta' implimentazzjoni annwali u finali.

(3) Sabiex tkun tista' ssir l-applikazzjoni fil-pront tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament u ma jkunx hemm dewmien għall-approvazzjoni tal-programmi nazzjonali, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(4) Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbuta bir-Regolament (UE) Nru 514/2014 u konsegwentement huma marbuta b'dan ir-Regolament.

(5) Id-Danimarka la hija marbuta bir-Regolament (UE) Nru 514/2014 u lanqas b'dan ir-Regolament.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat "għall-Fondi għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u s-Sigurtà Interna".

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

### Mudelli għal rapporti ta' implimentazzjoni

Il-mudell għal rapporti ta' implimentazzjoni annwali u finali huwa stabbilit fl-Anness.

Huma jiġu sottomessi lill-Kummissjoni permezz tas-sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika stabbilita mill-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 802/2014 ([2]).

([1]) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 802/2014 tal-24 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi mudelli għal programmi nazzjonali u li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet tas-sistema ta' skambju tad-dejta elettronika bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ara paġna 22 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali)

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

**MUDELL GĦAL RAPPORTI TA' IMPLIMENTAZZJONI ANNWALI U FINALI**

TAQSIMA 1:

**Objettivi tal-programm (l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014)**

**Objettiv speċifiku** (kif stabbilit fir-Regolamenti Speċifiċi): ipprovdi sommarju tal-progress li sar waqt l-implimentazzjoni tal-istrateġija u l-ksib tal-objettivi nazzjonali tul is-sena finanzjarja.

Ipprovdi kull tibdil fl-istrateġija jew fl-objettivi nazzjonali jew kull fatturi li jistgħu jwasslu għal tibdil fil-futur.

Stabbilixxi kull kwistjoni sinifikanti li taffettwa l-prestazzjoni tal-programm nazzjonali.

**Objettiv nazzjonali**: elenka l-azzjonijiet ewlenin sostnuti u mwettqa tul is-sena finanzjarja, suċċessi u problemi identifikati (u solvuti).

**Azzjoni speċifika** (kif stabbilita fir-Regolamenti Speċifiċi): elenka l-azzjonijiet ewlenin sostnuti u mwettqa tul is-sena finanzjarja, suċċessi u problemi identifikati (u solvuti).

L-informazzjoni fil-kaxxi għandha tkun kompleta minnha nfisha u ma tistax tirreferi għal informazzjoni f'ebda dokument mehmuż jew ikun fiha hyperlinks.

| OBJETTIV SPEĊIFIKU N: titolu |
|---|
| |
| Objettiv nazzjonali n: titolu |
| |
| Objettiv nazzjonali n: titolu |
| |

**Rappurtar dwar l-iskeda indikattiva**

Indika kull tibdil fl-iskeda indikattiva kif stabbilit fil-programm nazzjonali.

*Skeda indikattiva*

| | Isem l-azzjoni | Bidu tal-ippjanar | Bidu tal-implimentazzjoni | Għeluq |
|---|---|---|---|---|
| Objettiv speċifiku n: titolu | | | | |
| Objettiv nazzjonali n: | | | | |
| | | | | |
| | | | | |

TAQSIMA 2

**Każijiet speċjali**

Ipprovdi r-riżultati (numri għal kull kategorija) tal-eżerċizzju ta' pleġġjar

| Pjan ta' pleġġjar | | | |
|---|---|---|---|
| Kategoriji | Perjodu ta' pleġġjar | Perjodu ta' pleġġjar | Perjodu ta' pleġġjar |
| | | | |
| Total | | | |

TAQSIMA 3

**Indikaturi komuni u indikaturi speċifiċi għall-programm (l-Artikolu 14(2)(f) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014)**

Ipprovdi d-dejta għal kull indikatur għas-sena finanzjarja rispettiva.

| ID tal-indikatur | Deskrizzjoni tal-indikatur | Unità ta' kejl | Valur bażi | Valur immirat | Sors tad-dejta | Sena finanzjarja n | Sena finanzjarja n + 1 | Total kumulattiv |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| OBJETTIV SPEĊIFIKU: n: titolu | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |

Ipprovdi spjegazzjoni ta' kull indikazzjoni li jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-ksib ta' kull mira, b'mod partikolari nuqqas ta' progress.

| |
|---|
| |

Għal kull sena finanzjarja, dokument jista' jiġi mehmuż biex jispjega nuqqas ta' progress sinifikanti jew il-potenzjal biex tinqabeż il-mira ta' wieħed jew aktar indikaturi.

TAQSIMA 4

**Qafas għall-implimentazzjoni tal-programm mill-Istat Membru**

4.1. Il-Kumitat ta' Monitoraġġ (l-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014)

Ipprovdi lista tad-deċiżjonijiet ewlenin meħuda u kwistjonijiet pendenti quddiem il-kumitat ta' monitoraġġ.

| |
|---|
| |

4.2. Qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni (l-Artikolu 14(2)(f) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014)

Miżuri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni meħuda mill-Awtorità Responsabbli, inklużi arranġamenti għall-ġbir tad-dejta, attivitajiet ta' evalwazzjoni, diffikultajiet affaċċjati u l-passi meħuda biex jissolvew.

| |
|---|
| |

4.3 L-involviment ta' sħubija fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programm nazzjonali (l-Artikolu 12(3) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014)

Ipprovdi deskrizzjoni qasira tal-kontribut ewlieni u l-opinjonijiet imressqa mill-imsieħba matul is-sena finanzjarja.

| |
|---|
| |

4.4 Informazzjoni u pubbliċità (l-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014):

Ipprovdi link għas-sit elettroniku tal-programm.

Ipprovdi lista tal-attivitajiet ewlenin ta' informazzjoni u pubbliċità mwettqa tul is-sena finanzjarja. Eżempji ta' materjal għandhom jiġu mehmuża.

| |
|---|
| |

4.5 Komplementarjetà ma' strumenti oħrajn tal-Unjoni (l-Artikolu 14(2)(e) u 14(5)(f) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014)

Iddeskrivi fil-qosor l-azzjonijiet u l-konsultazzjonijiet ewlenin li ġew imwettqa biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni ma' strumenti oħrajn tal-Unjoni, prinċipalment dawn li ġejjin:

— Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd);

— Fondi u programmi oħrajn tal-UE (pereż. il-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja, il-Programm Kulturali, il-Programm Żgħażagħ fl-Azzjoni);

— Strumenti dwar ir-relazzjonijiet esterni tal-UE (pereż. Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija, l-Istrument għall-Istabbiltà), sa fejn azzjonijiet f'pajjiżi terzi jew b'rabta magħhom huma kkonċernati.

| |
|---|
| |

4.6. Għotja diretta

Ipprovdi ġustifikazzjoni għal kull okkażjoni fejn ġiet imwettqa għotja diretta.

| |
|---|
| |

TAQSIMA 5

**Ir-rapport finanzjarju (l-Artikolu 54(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014)**

5.1. Rapport finanzjarju skont l-objettivi speċifiċi

*Tabella*

*(f'EUR)*

| Objettiv speċifiku: n titolu | |
|---|---|
| Objettiv nazzjonali n | |
| **Subtotal ta' objettivi nazzjonali** | |
| Azzjoni speċifika n | |
| **Total 1 OS** | |
| Objettiv nazzjonali n + 1 | |
| **Subtotal ta' objettivi nazzjonali** | |
| Azzjoni speċifika n + 1 | |
| **Total n** | |
| Każijiet speċjali | |
| **Total ta' każijiet speċjali** | |
| Assistenza teknika:<br>(Massimu = ammont fiss + (Allokazzjoni totali) * 5 jew 5,5 % skont ir-Regolamenti Speċifiċi) | |
| **TOTAL** | |

Implimentazzjoni tal-pjan ta' finanzjament tal-programm nazzjonali li jispeċifika l-kontribuzzjoni totali tal-UE għal kull sena finanzjarja

5.2. Pjan ta' finanzjament skont is-sena finanzjarja

*Tabella*

*(f'EUR)*

| SENA | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Total ipprogrammat | | | | | | | | |
| Total impenjat | | | | | | | | |

5.3. Ġustifikazzjoni għal kull devjazzjoni mill-ishma minimi stabbiliti fir-Regolament Speċifiku.

(Meħtieġa biss jekk is-sitwazzjoni mhix l-istess bħal dik fil-programm nazzjonali approvat, l-Artikolu 14(5)(b) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014)

Ipprovdi spjegazzjoni dettaljata għad-deroga mill-ishma minimi stabbiliti fir-Regolamenti Speċifiċi.

| |
|---|
| |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 800/2014

## tal-24 ta' Lulju 2014

## li jistabbilixxi proċeduri ta' rappurtar u arranġamenti prattiċi oħrajn dwar il-finanzjament ta' sostenn operattiv skont programmi nazzjonali u fil-qafas tal-Iskema ta' Transitu Speċjali skont ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal sostenn finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal sostenn finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 10(6) u 11(6) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 515/2014, ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) huwa applikabbli għall-istrument għal sostenn finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża. Għalhekk kull regolament delegat u ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni adottat abbażi tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 huwa applikabbli għall-istrument għal sostenn finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża.

(2) Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 802/2014 ([3]) u Nru 799/2014 ([4]) b'mod partikolari jistabbilixxu kundizzjonijiet u termini tas-sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, mudelli għal programmi nazzjonali u mudelli għal rapporti ta' implimentazzjoni annwali u finali.

(3) L-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 515/2014 jippermetti lill-Istati Membri biex jallokaw sa 40 % tal-ammont mogħti skont l-istrument għal sostenn finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża biex jiffinanzjaw sostenn operattiv lill-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għat-twettiq tal-karigi u s-servizzi li jikkostitwixxu servizz pubbliku għall-Unjoni. Qabel l-approvazzjoni tal-programm nazzjonali, l-Istat Membru li jixtieq jiffinanzja sostenn operattiv skont il-programm nazzjonali tiegħu għandu jkun meħtieġ li jipprovdi informazzjoni speċifika partikolarment biex jippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) Nru 515/2014. Bl-istess mod, rekwiżiti ta' rapportar addizzjonali skont sostenn operattiv għandhom jiġu stabbiliti.

(4) L-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 515/2014 jalloka riżorsi lil-Litwanja bħala sostenn operattiv speċifiku addizzjonali fil-kuntest tal-Iskema ta' Transitu Speċjali bejn il-Litwanja u l-Kummissjoni. Il-Litwanja għandha tkun meħtieġa li tipprovdi informazzjoni speċifika f'dak ir-rigward partikolarment sabiex tippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta l-eliġibbiltà tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 515/2014 li l-Litwanja tippjana li timponi taħt l-istrument. Bl-istess mod, rekwiżiti ta' rapportar addizzjonali dwar sostenn operattiv għall-Iskema ta' Transitu Speċjali għandhom jiġu stabbiliti.

(5) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Peress li dan ir-Regolament jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka, skont l-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament jekk tkunx se timplimenta dan ir-Regolament fil-liġi nazzjonali tagħha.

---

([1]) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal sostenn finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi (ĠU, L 150, 20.5.2014, p. 112)

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 802/2014 tal-24 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi mudelli għal programmi nazzjonali u li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet tas-sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal sostenn finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi (ara paġna 22 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 799/2014 tal-24 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi mudelli għal rapporti ta' implimentazzjoni annwali u finali skont ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal sostenn finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi (ara paġna 4 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(6) Fir-rigward tal-Islanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen skont il-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, applikazzjoni u żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([1]) li jaqa' fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 1, Punti A u B tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ([2]).

(7) Fir-rigward tal-Isvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([3]) li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, Punti A u B tad-Deċiżjoni 1999/437/KE kkunsidrat b'mod konġunt mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ([4]).

(8) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, skont il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([5]) li jaqa' fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, Punti A u B tad-Deċiżjoni 1999/437/KE kkunsidrat konġuntement mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE ([6]).

(9) Sabiex tkun tista' ssir l-applikazzjoni fil-pront tal-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament u ma jkunx hemm dewmien għall-approvazzjoni tal-programmi nazzjonali, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-"Kumitat għall-Fondi għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u s-Sigurtà Interna."

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Arranġamenti prattiċi dwar sostenn operattiv iffinanzjat skont il-programm nazzjonali u skont l-Iskema ta' Transitu Speċjali**

1. Meta Stat Membru jiddeċiedi li jitlob sostenn operattiv skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 515/2014, jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni elenkata fl-Anness I ta' dan ir-Regolament minbarra dawk meħtieġa fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 802/2014.

L-Istat Membru jipprovdi wkoll lill-Kummissjoni b'formola tal-ippjanar indikattiva mfassla skont il-mudell stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

2. Jekk il-Litwanja tiddeċiedi li tagħmel użu mis-sostenn operattiv disponibbli għall-Iskema ta' Transitu Speċjali skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 515/2014, tipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni elenkata fl-Anness III ta' dan ir-Regolament minbarra dawk meħtieġa fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 802/2014.

3. L-informazzjoni u l-formoli msemmija f'dan l-Artikolu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tas-sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika stabbilita permezz tal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 802/2014.

([1]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176,10.7.1999, p. 31)
([3]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).
([5]) ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.
([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19)

*Artikolu 2*

**Arranġamenti prattiċi dwar sostenn operattiv iffinanzjat skont il-programm nazzjonali u skont l-Iskema ta' Transitu Speċjali**

1. Meta s-sostenn operattiv huwa ffinanzjat skont il-programm nazzjonali, l-Istat Membru kkonċernat jirrapporta dwar l-implimentazzjoni tiegħu fir-rapport ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 imfassal mal-mudell stabbilit fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 799/2014.

Barra minn hekk, meta jissottometti r-rapport ta' Implimentazzjoni lill-Kummissjoni, l-Istat Membru jipprovdi l-informazzjoni elenkata fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

2. Meta s-sostenn operattiv għall-Iskema ta' Transitu Speċjali huwa ffinanzjat taħt il-programm nazzjonali tal-Litwanja, għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tagħha fir-rapport ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 imfassal mal-mudell stabbilit fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 799/2014.

Barra minn hekk, meta tissottometti r-rapport tagħha ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni, il-Litwanja tipprovdi l-informazzjoni elenkata fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

3. L-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu tinbagħat lill-Kummissjoni permezz tas-sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika stabbilita permezz tal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 802/2014.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak li fih ikun ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

**IPPROGRAMMAR TA' SOSTENN OPERATTIV SKONT IL-PROGRAMM NAZZJONALI**

Kull Stat Membru għandu jikkonferma l-konformità tiegħu mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) Nru 515/2014 meta sostenn operattiv huwa inkluż fil-programm nazzjonali.

**Objettiv nazzjonali:** jipprovdi indikazzjoni ġenerali għall-użu ta' Sostenn Operattiv, inklużi objettivi u miri li għandhom jintlaħqu kif ukoll indikazzjoni tas-servizzi u l-kompiti li se jiġu ffinanzjati skont il-mekkaniżmu ta' Sostenn Operattiv.

Barra minn hekk, meta l-programm nazzjonali jinkludi sostenn operattiv ta' Viża jew Fruntieri, il-"Formola tal-ippjanar indikattiva" għandha timtela u tinhemeż. Il-"Formola tal-ippjanar indikattiva" mhux se tagħmel parti mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm nazzjonali.

| |
|---|
| OBJETTIV SPEĊIFIKU: Sostenn Operattiv/Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) Nru 515/2014 |
| ☐ hawnhekk jikkonferma l-konformità tiegħu mal-*acquis* tal-Unjoni dwar il-fruntieri u l-viża. |
| ☐ hawnhekk jikkonferma l-konformità tiegħu mal-Istandards u l-linji gwida tal-Unjoni għal governanza tajba dwar il-fruntieri u l-viża, b'mod partikolari l-katalogu ta' Schengen dwar il-kontroll tal-fruntieri esterni, il-Manwal Prattiku għall-gwardjani tal-fruntieri u l-Manwal dwar il-viża. |
| Objettiv Nazzjonali: Sostenn operattiv għall-VIŻA |
| |
| Objettiv Nazzjonali: Sostenn Operattiv għall-Fruntieri |
| |

*ANNESS II*

**FORMOLA TAL-IPPJANAR INDIKATTIVA GĦAL SOSTENN OPERATTIV SKONT IL-PROGRAMM NAZZJONALI**

Din il-formola mhux se tagħmel parti mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm nazzjonali.

Għal kull tip ta' sostenn operattiv (viża jew fruntieri) ipprovdi:

(i) Lista indikattiva ta' benefiċjarju:

— isem il-benefiċjarju (pereż. il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, it-taqsima tal-immigrazzjoni tal-pulizija, il-gwarda-kosta, l-awtorità tal-port, it-taqsima tal-immigrazzjoni tal-pulizija, il-forzi armati) u l-istatus legali tiegħu (pereż. l-Awtorità pubblika, il-kumpanija pubblika b'responsabbiltà, eċċ.)

— bir-responsabbiltajiet statutorji tagħhom

— it-tipi ewlenin ta' kompiti mwettqa fir-rigward tal-ġestjoni tal-fruntieri/viżi, inklużi kompiti mistennija li jkunu sostnuti;

Żid iktar ringieli kif meħtieġ.

(ii) lista indikattiva ta' kompiti: iddeskrivi t-tipi ewlenin ta' kompiti mwettqa mill-benefiċjarju fir-rigward ta':

— ħruġ tal-viżi, inklużi kompiti mistennija li jkunu sostnuti skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 515/2014; jew.

— il-ġestjoni tal-fruntieri, li huma mistennija li jkunu sostnuti skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 515/2014. Mhux meħtieġ li tiddeskrivi l-kompiti kollha mwettqa minn benefiċjarju iżda dawk biss li huma marbutin mal-ġestjoni tal-fruntieri u l-kontroll tal-immigrazzjoni (pereż. il-Forzi Armati jwettqu sorveljanza fuq il-baħar biex jipprevjenu dħul illegali).

Il-kompiti għandhom ikunu aggregati permezz ta' pożizzjoni ġeografika fejn huma jkunu se jiġu mwettqa (pereż. il-Konsulat Ġenerali fil-Bejġing jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin jew il-fruntiera Slovakkja-Ukraina). Sa fejn ikun possibbli pprovdi t-taqsima tal-fruntiera għal kull kompitu deskritt skont is-sostenn operattiv għall-fruntieri.

(iii) għadd indikattiv ta' persunal:Jekk applikabbli, jekk jogħġbok indika l-għadd ta' persunal ikkonċernat u mistenni li jkun sostnut għal kull benefiċjarju u kompitu (bħala ekwivalenti full-time għad-dewmien totali tas-sostenn operattiv.

(iv) tqassim indikattiv tal-baġit skont it-tip ta' benefiċjarju fil-kategoriji ta' kostijiet li ġejjin:

Kostijiet tal-persunal, inkluż għat-taħriġ

Kostijiet tas-servizz, bħall-manutenzjoni u t-tiswija

Titjib/tibdil ta' tagħmir

Proprjetà immobbli (deprezzament, rinnovament)

Sistemi tal-IT (ġestjoni operattiva tal-VIS, SIS, u sistemi ġodda tal-IT, kiri u Rinnovament ta' bini, infrastruttura ta' komunikazzjoni u sigurtà)

Operazzjonijiet (kostijiet mhux koperti mill-kategoriji preċedenti ta' hawn fuq)

| **Formola tal-Ippjanar Indikattiva I: Sostenn operattiv għall-VIŻA** | | |
|---|---|---|
| *Parti I.1: Lista indikattiva ta' kompiti* | | |
| Kompiti | Benefiċjarju | Persunal |
| 1. Konsulati u entitajiet oħra li jinsabu f'pajjiżi oħrajn | | |
| 1.1 | | |
| 1.n | | |

| 2. Entitajiet ċentrali u oħrajn (servizzi ċentralizzati speċjalizzati fil-ħruġ tal-viżi u li l-konsenja tagħhom mhi marbuta ma' ebda post speċifiku (pereż. il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin — id-Dipartiment tal-Affarijiet tal-Viża)) | | |
|---|---|---|
| 2.1 | | |
| 2.n | | |

| *Parti I.2: Tqassim indikattiv tal-baġit* | | Total għal kull benefiċjarju |
|---|---|---|
| Benefiċjarju: | | |
| 1.1 | kostijiet tal-persunal, inkluż għat-taħriġ | |
| 1.2 | kostijiet tas-servizz, bħall-manutenzjoni u t-tiswija | |
| 1.3 | titjib/tibdil ta' tagħmir | |
| 1.4 | proprjetà immobbli (deprezzament, rinnovament) | |
| 1.5 | Sistemi tal-IT (ġestjoni operattiva tal-VIS, SIS, u sistemi ġodda tal-IT, kiri u rinnovament ta' bini, infrastruttura ta' komunikazzjoni u sigurtà) | |
| 1.6 | Operazzjonijiet (kostijiet mhux koperti mill-kategoriji preċedenti ta' hawn fuq) | |
| Total: | | |

| **Formola tal-Ippjanar Indikattiva II: Sostenn operattiv għall-Fruntieri** | | | |
|---|---|---|---|
| *Parti II.1: Lista indikattiva ta' kompiti* | | | |
| Kompitu | | Benefiċjarju | Persunal |
| 1. Fruntieri tal-Art | | | |
| 1.1 | | | |
| 1.n | | | |
| 2. Fruntieri Marittimi | | | |
| 2.1 | | | |
| 2.n | | | |
| 3. Fruntieri tal-Ajru | | | |
| 3.1 | | | |
| 3.n | | | |

| 4. Servizzi ċentrali u oħrajn (servizzi speċjalizzati ċentralizzati fil-ġestjoni tal-fruntieri u li l-konsenja tagħhom mhi marbuta ma' ebda post speċifiku (pereż. analiżi ta' riskju mwettqa fil-kwartieri ġenerali tal-Gwardjani tal-Fruntiera, attivitajiet ta' taħriġ)) | | | |
|---|---|---|---|
| 4.1 | | | |
| 4.n | | | |

| *Parti II.2: Tqassim indikattiv tal-baġit* | | Total għal kull benefiċjarju |
|---|---|---|
| 1. Benefiċjarju: | | |
| 1.1 | kostijiet tal-persunal, inkluż għat-taħriġ | |
| 1.2 | kostijiet tas-servizz, bħall-manutenzjoni u t-tiswija | |
| 1.3 | titjib/tibdil ta' tagħmir | |
| 1.4 | proprjetà immobbli (deprezzament, rinnovament) | |
| 1.5 | Sistemi tal-IT (ġestjoni operattiva tal-VIS, SIS, u sistemi ġodda tal-IT, kiri u rinnovament ta' bini, infrastruttura ta' komunikazzjoni u sigurtà) | |
| 1.6 | Operazzjonijiet (kostijiet mhux koperti mill-kategoriji preċedenti ta' hawn fuq) | |
| Total: | | |

*ANNESS III*

**IPPROGRAMMAR TA’ SOSTENN OPERATTIV SKONT L-ISKEMA TA’ TRANSITU SPEĊJALI**

Sostenn operattiv għall-Iskema ta’ Transitu Speċjali (il-Litwanja): ipprovdi l-istrateġija nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-Iskema ta’ Transitu Speċjali, ir-rekwiżiti minn din l-istrateġija u l-objettivi nazzjonali mfassla biex jilħqu dawn ir-rekwiżiti. Ipprovdi r-riżultati u l-eżitu mixtieq ma’ din l-istrateġija.

Tipi ta’ kostijiet addizzjonali: ipprovdi indikazzjoni tat-tipi ta’ kostijiet addizzjonali li għandhom ikunu sostnuti fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Iskema ta’ Transitu Speċjali.

| |
|---|
| Każ Speċjali: Sostenn Operattiv għall-Iskema ta’ Transitu Speċjali (il-Litwanja) |
| |
| Tipi ta’ kostijiet addizzjonali |
| |

*ANNESS IV*

**RAPPORTAR DWAR SOSTENN OPERATTIV**

Sommarju: Ipprovdi sommarju tal-progress magħmul fl-implimentazzjoni ta’ sostenn operattiv tul is-sena finanzjarja fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-linja bażi, l-objettivi u l-miri milħuqa.

Azzjonijiet: Elenka l-azzjonijiet ewlenin imwettqa tul is-sena finanzjarja, suċċessi u problemi identifikati (u solvuti).

| |
|---|
| OBJETTIV SPEĊIFIKU: Sommarju ta’ sostenn operattiv |
| |
| Sostenn operattiv għall-azzjonijiet tal-VIŻA |
| |
| Sostenn operattiv għall-Fruntieri |
| |

*ANNESS V*

**RAPPURTAR DWAR SOSTENN OPERATTIV SKONT L-ISKEMA TA' TRANSITU SPEĊJALI (STS)**

Skema ta' Transitu Speċjali (kif stabbilita fir-Regolamenti Speċifiċi): tipprovdi ħarsa ġenerali tal-implimentazzjoni tal-STS. Ipprovdi kull tibdil għall-objettivi nazzjonali jew ta' strateġija jew kull fattur li jista' jwassal għal tibdil fil-futur. Stabbilixxi kull kwistjoni sinifikanti li taffettwa l-prestazzjoni tal-STS.

— Objettivi nazzjonali: Elenka l-azzjonijiet ewlenin imwettqa tul is-sena, suċċessi u problemi identifikati (u solvuti).

| OBJETTIV SPEĊIFIKU: Sostenn operattiv għas-sommarju tal-Iskema ta' Transitu Speċjali (il-Litwanja) |
|---|
| |
| Objettiv nazzjonali: Azzjonijiet tal-STS |
| |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 801/2014**

**tal-24 ta' Lulju 2014**

**li jistabbilixxi l-iskeda taż-żmien u kundizzjonijiet oħra ta' implimentazzjoni relatati mal-mekkaniżmu għall-allokazzjoni tar-riżorsi għall-Programm ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni fil-qafas tal-Fond tal-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Fond tal-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 17(8) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat inkarigat mill-Fond tal-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u l-Fond għas-Sigurtà Interna, imwaqqaf mill-Artikolu 59(1) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet ([2]),

Billi:

(1) Minbarra l-ammonti allokati skont l-Artikolu 15(1)(a) tar- Regolament (UE) Nru 516/2014, l-Istati Membri jirċievu ammont addizzjonali, kull sentejn, għal kull persuna risistemata.

(2) Il-perjodi li jridu jitqiesu għall-kalkolu tal-ammont addizzjonali għandhom jiġu speċifikati. Huwa xieraq li jiġu stabbiliti tliet perjodi ta' risistemazzjoni, li għal kull wieħed minnhom Stat Membru jista' jiġi allokat ammont addizzjonali.

(3) Jekk, fl-2017, ikun jidher li hemm bżonn li tiġi prevista reviżjoni fl-2019 tal-prijoritajiet komuni ta' risistemazzjoni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) Nru 516/2014, it-tielet perjodu ta' risistemazzjoni li jkopri mill-2018 sal-2020 jista' jiġi limitat għas-snin 2018 u 2019. Jekk jiġri hekk, dan ir-Regolament se jiġi emendat sabiex jipprevedi perjodu ta' risistemazzjoni addizzjonali għas-sena 2020.

(4) Sabiex il-Kummissjoni tistabbilixxi l-ammont addizzjonali li għandu jiġi allokat fir-rigward tar-risistemazzjoni fi kwalunkwe perjodu ta' risistemazzjoni, kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni stima tan-numru ta' persuni li jkun qed jippjana li jirrisistema matul dak il-perjodu. L-istima għandha tiġi sottomessa permezz tas-sistema ta' skambju tad-dejta elettronika stabbilita mill-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 802/2014 ([3]).

(5) Ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 jipprevedi li l-ammonti addizzjonali għar-risistemazzjoni għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri għall-ewwel darba fid-deċiżjonijiet individwali ta' finanzjament li japprovaw il-programmi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014. Għalhekk, għall-perjodu ta' risistemazzjoni li jkopri s-snin 2014 u 2015, il-programmi nazzjonali li jridu jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni għandhom jinkludu stima tan-numru ta' persuni li l-Istat Membru jkun qed jippjana li jirrisistema matul dak il-perjodu. Għall-perjodi ta' risistemazzjoni l-oħrajn, kull Stat Membru għandu jippreżenta stima sal-15 ta' Settembru tas-sena ta' qabel il-perjodu ta' risistemazzjoni kkonċernat.

(6) L-ammont addizzjonali għar-risistemazzjoni allokat lil kull Stat Membru huwa bbażat fuq stima tan-numru ta' persuni li huwa jkun qed jippjana li jirrisistema. Sabiex jibbenefikaw mill-ħlas tal-ammont addizzjonali, il-persuni kkonċernati jridu jkunu ġew effettivament risistemati mill-bidu tal-perjodu kkonċernat u sa sitt xhur wara t-tmiem ta' dak il-perjodu.

(7) Sabiex jingħataw l-ammont addizzjonali, li huwa bbażat fuq somma f'daqqa għal kull persuna risistemata, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni n-numru ta' persuni li jikkwalifikaw għall-ħlas. Huma għandhom iżommu evidenza ta' dawn il-persuni li jikkwalifikaw għall-ħlas.

([1]) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 168.
([2]) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 802/2014 tal-24 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi mudelli għall-programmi nazzjonali u li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet ta' sistema ta' skambju tad-dejta elettronika bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ara paġna 22 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali)

(8) Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbuta bir-Regolament (UE) Nru 516/2014 u konsegwentement huma marbuta b'dan ir-Regolament.

(9) Id-Danimarka la hija marbuta bir-Regolament (UE) Nru 516/2014 u lanqas b'dan ir-Regolament.

(10) Sabiex tkun tista' ssir l-applikazzjoni fil-pront tal-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament u ma jkunx hemm dewmien għall-approvazzjoni tal-programmi nazzjonali, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Allokazzjoni ta' ammont addizzjonali għall-persuni risistemati**

1. Sabiex jiġi allokat ammont addizzjonali għall-persuni risistemati kif previst fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 516/2014, kull Stat Membru jipprovdi lill-Kummissjoni bi stima tan-numru ta' persuni li jkun qed jippjana li jirrisistema fi kwalunkwe wieħed mill-perjodi li ġejjin:

(a) is-snin 2014 u 2015,

(b) is-snin 2016 u 2017,

(c) is-snin 2018, 2019 u 2020,

2. L-istimi jinkludu n-numru ta' persuni li jaqgħu taħt xi kategorija prijoritarja u taħt xi grupp ta' persuni definiti fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) Nru 516/2014. L-istimi jiġu sottomessi permezz tas-sistema ta' skambju tad-dejta elettronika stabbilita mill-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 802/2014, kif ġej:

(a) l-istima għas-snin 2014 u 2015 tiġi inkluża fil-programm nazzjonali tal-Istat Membru ppreżentat f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014;

(b) l-istima għas-snin 2016 u 2017 tiġi sottomessa sal-15 ta' Settembru 2015;

(c) l-istima għall-perjodu li jkopri mill-2018 sal-2020 tiġi sottomessa sal-15 ta' Settembru 2017.

3. Il-Kummissjoni teżamina l-istimi u tiddeċiedi, mill-aktar fis possibbli, dwar l-ammonti addizzjonali li għandhom jiġu allokati għal kull Stat Membru, kif stipulat fl-Artikolu 17(9) tar-Regolament (UE) Nru 516/2014.

*Artikolu 2*

**Kwalifika għall-ammont addizzjonali għall-persuni risistemati u rappurtar**

1. Sabiex jibbenefikaw mill-ammont addizzjonali, il-persuni kkonċernati jridu jkunu ġew effettivament risistemati mill-bidu tal-perjodu kkonċernat u sa sitt xhur wara t-tmiem ta' dak il-perjodu.

L-Istati Membri jżommu l-informazzjoni meħtieġa sabiex tkun tista' ssir identifikazzjoni xierqa tal-persuni risistemati u tad-data tar-risistemazzjoni tagħhom.

Fir-rigward tal-persuni li jaqgħu taħt xi kategorija prijoritarja u taħt xi grupp ta' persuni msemmija fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) Nru 516/2014, l-Istati Membri jżommu wkoll evidenza li tipprova li dawn jappartjenu għall-kategorija ta' prijorità jew għal grupp ta' persuni rilevanti.

2. Kull Stat Membru li jkun ġie allokat ammont addizzjonali għar-risistemazzjoni, iniżżel fil-kontijiet annwali previsti fl-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014, in-numru ta' persuni risistemati li jikkwalifikaw għall-ammont addizzjonali, li jinkludu n-numru ta' persuni li jaqgħu taħt waħda mill-kategoriji prijoritarji u taħt wieħed mill-gruppi ta' persuni definiti fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) Nru 516/2014. Kull persuna risistemata tista' tingħadd darba biss.

*Artikolu 3*

**Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 802/2014**

**tal-24 ta' Lulju 2014**

**li jistabbilixxi mudelli għal programmi nazzjonali u li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet tas-sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal sostenn finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal sostenn finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżi ([1]), b'mod partikolari l-Artikoli 14(4) u 24(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 flimkien mar-Regolamenti Speċifiċi msemmija fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014, jikkostitwixxu qafas għal finanzjament tal-Unjoni biex jiġi sostnut l-iżvilupp taż-żona tal-libertà, s-sigurtà u l-ġustizzja.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 jesiġi lil kull Stat Membru biex jipproponi programm nazzjonali pluriennali. Sabiex ikun żgurat li l-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni hija konsistenti u kumparabbli, huwa neċessarju li jiġi stabbilit mudell li l-programm nazzjonali għandu jimxi fuqu.

(3) Skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 l-iskambji tal-informazzjoni uffiċjali kollha bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jitwettqu permezz ta' sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika. Huwa għalhekk neċessarju li jiġu stabbiliti t-termini u l-kundizzjonijiet li s-sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika għandha tikkonforma magħhom. Sabiex ikunu kosteffikaċi u jiżguraw koerenza ġenerali mal-ġestjoni konġunta ta' Fondi tal-Unjoni, it-termini u l-kundizzjonijiet tas-sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika huma l-istess, sa fejn ikun possibbli, bħal dawk previsti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 184/2014 ([2]).

(4) Sabiex tittejjeb il-kwalità tal-informazzjoni skambjata, u biex is-sistema tal-iskambju tal-informazzjoni ssir eħfef u iktar utli, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti rekwiżiti bażiċi dwar il-forma u l-ambitu tal-informazzjoni li għandha tiġi skambjata.

(5) Prinċipji u regoli għandhom jiġu stabbiliti dwar l-identifikazzjoni tal-parti responsabbli biex ittella' d-dokumenti fis-sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika u biex taġġorna dawn id-dokumenti.

(6) Karatteristiċi tekniċi għal sistema effiċjenti ta' skambju elettroniku għandhom jiġu stabbiliti biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri u l-Kummissjoni.

(7) Sabiex jiġi żgurat li kemm l-Istati Membri kif ukoll il-Kummissjoni jistgħu jkomplu l-iskambju ta' informazzjoni f'każijiet ta' *force majeure* li jxekklu l-użu tas-sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika, mezzi alternattivi biex jikkodifikaw u jittrasferixxu d-dejta meħtieġa li tiġi speċifikata.

([1]) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 184/2014 tal-25 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi skont ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u tas-Sajd u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u tas-Sajd, it-termini u l-kundizzjonijiet li japplikaw għas-sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u li jadotta skont ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għas-sostenn mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea, in-nomenklatura tal-kategoriji ta' intervent għal sostenn mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali skont il-mira tal-kooperazzjoni Territorjali Ewropea. (ĠU L 57, 27.2.2014, p. 7)

(8) L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li t-trasferiment tad-dejta permezz tas-sistema tal-skambju tad-dejta elettronika jitwettaq b'mod sigur li jiżgura d-disponibbiltà, l-integrità, l-awtentiċità, il-konfidenzjalità u n-nonripudju tal-informazzjoni. Għalhekk, għandhom jiġu stabbiliti r-regoli dwar is-sigurtà.

(9) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali. B'hekk dan ir-Regolament għandu jiġi applikat skont dawn id-drittijiet u prinċipji. Dwar dejta personali pproċessata mill-Istati Membri, tapplika d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Rigward l-ipproċessar ta' dejta personali mill-Istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni u l-moviment liberu ta' tali dejta, japplika r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(10) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni immedjata tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament u ma jkunx hemm dewmien għall-approvazzjoni tal-programmi nazzjonali, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(11) Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbuta bir-Regolament (UE) Nru 514/2014 u konsegwentement huma marbuta b'dan ir-Regolament.

(12) Id-Danimarka la hija marbuta bir-Regolament (UE) Nru 514/2014 u lanqas b'dan ir-Regolament.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat "għall-Fondi għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u s-Sigurtà Interna".

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Mudelli għal programmi nazzjonali**

Il-mudell għal programmi nazzjonali huwa stabbilit fl-Anness.

*Artikolu 2*

**L-istabbiliment ta' sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika**

Il-Kummissjoni tistabbilixxi sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika għall-iskambji tal-informazzjoni uffiċjali kollha bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni (minn hawn 'il quddiem imsemmija bħala "SFC2014")

*Artikolu 3*

**Il-kontenut ta' sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika**

1. L-SFC2014 jkun fiha mill-inqas l-informazzjoni speċifikata fil-mudelli, l-formati u l-formoli stabbiliti skont l-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, skont ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 u r-Regolamenti Speċifiċi msemmija fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014.

2. L-informazzjoni mogħtija fil-formoli elettroniċi integrati fl-SFC2014 (minn hawn 'il quddiem imsemmija bħala "dejta strutturata") ma tiġix sostitwita b'dejta mhux strutturata, inkluż l-użu ta' hyperlinks jew tipi oħra ta' dejta mhux strutturata bħal tehmiż ta' dokumenti jew immaġnijiet. Meta Stat Membru jittrażmetti l-istess informazzjoni f'forma ta' dejta strutturata u dejta mhux strutturata, id-dejta strutturata tintuża fil-każ ta' inkonsistenzi.

([1]) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1)

*Artikolu 4*

**L-operat tal-SFC2014**

1. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 se jdaħħlu fl-SFC2014 l-informazzjoni għat-trażmissjoni li għaliha huma responsabbli, u kull aġġornament fuqha.

2. Kull trażmissjoni ta' informazzjoni lill-Kummissjoni għandha tiġi vverifikata u sottomessa minn persuna oħra għajr il-persuna li daħħlet id-dejta għal din it-trażmissjoni. Din is-separazzjoni ta' kompiti għandha tkun sostnuta mill-SFC2014 jew permezz tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-informazzjoni tal-Istat Membru li jkunu konnessi awtomatikament mal-SFC2014.

3. L-Istati Membri se jinnominaw, fil-livell nazzjonali jew reġjonali jew fit-tnejn li huma, persuna jew persuni responsabbli għall-ġestjoni ta' drittijiet ta' aċċess għall-SFC2014. Dawn il-persuni se jwettqu l-kompiti li ġejjin:

(a) jidentifikaw lill-utenti li jitolbu aċċess, filwaqt li jiżguraw li dawn l-utenti huma impjegati mill-organizzazzjoni;

(b) jinfurmaw lill-utenti dwar l-obbligi tagħhom biex tinżamm is-sigurtà tas-sistema;

(c) jivverifikaw l-intitolament tal-utenti għal-livell ta' privileġġ meħtieġ fir-rigward tal-kompiti tagħhom u l-pożizzjoni ġerarkika tagħhom;

(d) jitolbu t-terminazzjoni tad-drittijiet ta' aċċess meta dawn id-drittijiet ta' aċċess ma jkunux għadhom meħtieġa jew iġġustifikati;

(e) jirrappurtaw minnufih avvenimenti suspettużi li jistgħu jxekklu s-sigurtà tas-sistema;

(f) jiżguraw l-eżattezza kontinwa tad-dejta tal-identifikazzjoni tal-utent billi jirrappurtaw kull tibdil;

(g) jieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa għall-protezzjoni tad-dejta u l-kunfidenzjalità kummerċjali skont ir-regoli nazzjonali u tal-Unjoni; kif ukoll

(h) jgħarrfu lill-Kummissjoni b'kull tibdil li jaffettwa l-kapaċità tal-awtoritajiet tal-Istati Membri jew tal-utenti tal-SFC2014 milli jwettqu r-responsabbiltajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jew il-kapaċità personali tagħhom milli jwettqu r-responsabbiltajiet imsemmija f'punti (a) sa (g).

4. L-iskambji tad-dejta u t-tranżazzjonijiet se jkollhom fuqhom firma elettronika obbligatorja skont it-tifsira tad-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jirrikonoxxu l-effikaċja u l-ammissibilità ġuridika tal-firma elettronika użata fl-SFC2014 bħala evidenza fi proċedimenti ġuridiċi.

5. Informazzjoni pproċessata permezz tal-SFC2014 tirrispetta l-protezzjoni tal-privatezza tad-dejta personali għal individwi u l-kunfidenzjalità kummerċjali għal entitajiet ġuridiċi skont id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), id-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), id-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001.

*Artikolu 5*

**Karatteristiċi tal-SFC2014**

Sabiex jiġi żgurat l-iskambju elettroniku tal-informazzjoni, l-SFC2014 jkollha l-karatteristiċi li ġejjin:

(a) forom interattivi jew formoli mimlija minn qabel mis-sistema abbażi tad-dejta diġà rreġistrata qabel fis-sistema;

(b) kalkoli awtomatiċi, fejn dawn inaqqsu l-isforz tal-utenti biex jikkodifikaw;

---

([1]) Id-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar qafas tal-Komunità għall-firem elettroniċi, ĠU L 13, 19.1.2000, p. 12.

([2]) Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37)

([3]) Id-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 li temenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' netwerks u servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, id-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (ĠU L 337, 18.12.2009, p. 11)

(c) kontrolli integrati awtomatiċi li jivverifikaw il-konsistenza interna tad-dejta trażmessa u l-konsistenza ta' din id-dejta mar-regoli applikabbli;

(d) avviżi maħluqa mis-sistema SFC2014 li jwissu lill-utent li ċerti azzjonijiet jistgħu jew ma jistgħux jitwettqu;

(e) monitoraġġ onlajn tal-istatus tat-trattament ta' informazzjoni mdaħħla fis-sistema; kif ukoll

(f) disponibbiltà ta' dejta storika rigward l-informazzjoni kollha mdaħħla għal programm nazzjonali.

*Artikolu 6*

**Trażmissjoni ta' dejta permezz tal-SFC2014**

1. L-SFC2014 għandha tkun aċċessibbli għall-Istati Membri u l-Kummissjoni jew direttament permezz ta' interfaċċa interattiva għall-utent (jiġifieri, applikazzjoni fuq l-Internet) jew permezz ta' interfaċċa teknika bl-użu ta' protokolli definiti minn qabel (jiġifieri, servizzi tal-Internet) li tippermetti s-sinkronizzazzjoni awtomatika u t-trażmissjoni ta' dejta bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-Istati Membriu u l-SFC2014.

2. Id-data ta' trażmissjoni elettronika tal-informazzjoni mill-Istat Membru lill-Kummissjoni u viċi versa titqies bħala d-data tas-sottomissjoni tad-dokument ikkonċernat.

3. F'każ ta' *force majeure*, funzjonament ħażin tal-SFC2014 jew nuqqas ta' konnessjoni mal-SFC2014 għal aktar minn ġurnata tax-xogħol fl-aħħar ġimgħa qabel iż-żmien regolatorju għas-sottomissjoni ta' informazzjoni, jew ħamest ijiem tax-xogħol fi żminijiet oħra, l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni jista' jsir f'forma stampata bl-użu ta' mudelli, formati u l-formoli msemmija fl-Artikolu 3(1).

Meta s-sistema ta' skambju elettroniku tieqaf taħdem ħażin, il-konnessjoni ma' dik is-sistema tiġi stabbilita mill-ġdid jew tieqaf il-kawża tal-*force majeure*, il-parti kkonċernata ddaħħal mingħajr dewmien l-informazzjoni li tkun intbagħtet diġà f'forma stampata fl-SFC2014.

4. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 3, id-data ttimbrata mill-posta titqies bħala d-data ta' sottomissjoni tad-dokument ikkonċernat.

*Artikolu 7*

**Sigurtà ta' dejta trażmessa permezz tal-SFC2014**

1. Il-Kummissjoni tistabbilixxi politika ta' sigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsemmija bħala "il-politika ta' sigurtà tal-SFC IT") għall-SFC2014 applikabbli għall-persunal li jagħmel użu mill-SFC2014 skont ir-regoli rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006)3602 ([1]) u r-regoli tagħha ta' implimentazzjoni. Il-Kummissjoni għandha taħtar persuna jew persuni responsabbli biex jiddefinixxu, jżommu u jiżguraw l-applikazzjoni korretta tal-politika ta' sigurtà għall-SFC2014.

2. L-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet Ewropej kollha għajr il-Kummissjoni, li rċevew drittijiet ta' aċċess għall-SFC2014, jħarsu t-termini u l-kundizzjonijiet ta' sigurtà tal-IT ppubblikati fil-portal tal-SFC2014 u l-miżuri li huma implimentati fl-SFC2014 mill-Kummissjoni biex tiġi żgurata t-trażmissjoni ta' dejta, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tal-interfaċċa teknika msemmija fl-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jimplimentaw u jiżguraw l-effikaċja tal-miżuri ta' sigurtà adottati għall-protezzjoni tad-dejta li jkunu ħażnu u ttrażmettew permezz tal-SFC2014.

4. L-Istati Membri jadottaw politiki ta' sigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni nazzjonali, reġjonali jew lokali li jkopru l-aċċess għall-SFC2014 u d-dħul awtomatiku ta' dejta fihom, billi jiżguraw sett minimu ta' rekwiżiti ta' sigurtà. Dawn il-politiki ta' sigurtà tal-IT lokali, reġjonali jew nazzjonali jistgħu jirreferu għal dokumenti oħra ta' sigurtà. Kull Stat Membru jiżgura li dawn il-politiki ta' sigurtà tal-IT japplikaw għall-awtoritajiet kollha li jagħmlu użu mill-SFC2014.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 3602 tas-16 ta' Awwissu 2006 dwar is-sigurtà tas-sistemi tal-informazzjoni użati mill-Kummissjoni Ewropea.

5. Dawn il-politiki ta' sigurtà tal-IT lokali, reġjonali jew nazzjonali jinkludu:

(a) l-aspetti ta' sigurtà tal-IT tal-ħidma mwettqa mill-persuna jew persuni responsabbli għall-ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess imsemmija fl-Artikolu 4(3) ta' dan ir-Regolament, meta taħdem/jaħdmu direttament fl-SFC2014 u

(b) Il-miżuri ta' sigurtà tal-IT għal dawn is-sistemi tal-informatika lokali, reġjonali jew nazzjonali mqabbda ma' SFC2014 permezz ta' interfaċċa teknika msemmija fl-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, jiġu koperti l-aspetti ta' sigurtà tal-IT li ġejjin, kif xieraq:

(a) is-sigurtà fiżika;

(b) il-midja tad-dejta u l-kontroll tal-aċċess;

(c) il-kontroll tal-ħażna;

(d) il-kontroll tal-aċċess u tal-password;

(e) il-monitoraġġ;

(f) l-interkonnessjoni mal-SFC2014;

(g) l-infrastruttura tal-komunikazzjoni;

(h) riżorsi umani; kif ukoll

(i) il-ġestjoni tal-inċidenti.

6. Il-politiki ta' sigurtà tal-IT lokali, reġjonali jew nazzjonali jkunu bbażati fuq valutazzjoni tar-riskju u l-miżuri deskritti jkunu proporzjonali mar-riskji identifikati.

7. Id-dokumenti li jistabbilixxu l-politiki ta' sigurtà tal-IT lokali, reġjonali jew nazzjonali jkunu disponibbli għall-Kummissjoni kull meta jintalbu.

8. L-Istati Membri se jaħtru, fuq livell nazzjonali jew reġjonali, persuna jew persuni responsabbli biex iżommu u jiżguraw l-applikazzjoni tal-politiki tas-sigurtà tal-IT lokali, reġjonali jew nazzjonali. Dik il-persuna jew persuni taġixxi/jaġixxu bħala punt ta' kuntatt mal-persuna jew persuni maħtura mill-Kummissjoni u msemmija fil-paragrafu 1.

9. Kemm il-politika tas-sigurtà tal-IT tal-SFC kif ukoll il-politiki ta' sigurtà tal-IT lokali, reġjonali jew nazzjonali rilevanti jiġu aġġornati f'każ ta' bidliet teknoloġiċi, l-identifikazzjoni ta' theddid ġdid jew żviluppi oħra rilevanti. F'kull każ, huma jiġu riveduti fuq bażi annwali biex ikun żgurat li dawn ikomplu jipprovdu rispons xieraq.

*Artikolu 8*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESSI*

**MUDELL GĦALL-PROGRAMM NAZZJONALI**

L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll (l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014)

Identifikazzjoni u dettalji ta' kuntatt:

| | Isem l-awtorità: | Il-Kap tal-awtorità | L-indirizz | L-indirizz tal-posta elettronika | Id-data tal-ħatra | L-attivitajiet delegati |
|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Awtorità Responsabbli | | | | | | |
| L-Awtorità ta' Verifika | | | | | | |
| L-Awtorità Delegata 1 | | | | | | |
| L-Awtorità Delegata 2 | | | | | | |
| L-Awtorità Delegata N (massimu ta' 10) | | | | | | |

Dokument mehmuż: notifika tal-ħatra b':

(a) diviżjoni prinċipali tar-responsabbiltajiet bejn l-unitajiet organizzattivi tagħha;

(b) fejn xieraq, ir-relazzjoni tagħha mal-awtoritajiet delegati, l-attivitajiet li għandhom jiġu ddelegati, u l-proċeduri ewlenin għas-superviżjoni tal-attivitajiet delegati; kif ukoll

(c) sommarju tal-proċeduri prinċipali għall-ipproċessar tal-pretensjonijiet finanzjarji mill-benefiċjarji u għall-awtorizzazzjoni u r-reġistrazzjoni tan-nefqa

Ipprovdi deskrizzjoni fil-qosor tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll prevista (l-Artikolu 14(2)(g) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014).

| |
|---|
| |

| | |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |

TAQSIMA 1

**Sommarju Eżekuttiv**

Ipprovdi sommarju ġenerali tal-programm kollu, b'enfasi fuq l-istrateġiji nazzjonali, l-objettivi u l-miri nazzjonali (ir-riżultati mixtieqa u r-riżultati).

| |
|---|
| |

TAQSIMA 2

**Is-sitwazzjoni ta' referenza fl-Istat Membru (l-Artikolu 14(2)(a) u (b) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014)**

Is-sitwazzjoni ta' referenza hija sommarju tal-istat attwali minn Diċembru 2013 fl-Istat Membru għall-oqsma relevanti għall-Fond. Din it-taqsima tinkludi:

— deskrizzjoni tas-sitwazzjoni ta' referenza fl-Istat Membru, flimkien mal-informazzjoni fattwali neċessarja biex ir-rekwiżiti jiġu vvalutati korrettament;

— analiżi tar-rekwiżiti fl-Istat Membru, inklużi l-kwistjonijiet ewlenin mir-riżultat tad-djalogu ta' politika;

— il-miżuri meħuda s'issa, inklużi miżuri implimentati mal-eks-Fond għall-Affarijiet Interni;

— valutazzjoni tal-ħtiġijiet nazzjonali, inklużi l-isfidi identifikati fl-evalwazzjonijiet rilevanti; kif ukoll

— ir-riżorsi annwali indikattivi mill-baġit nazzjonali, imqassma skont l-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-programmi nazzjonali.

L-informazzjoni għandha tkun kompleta minnha nfisha u ma tistax tirreferi għal informazzjoni f'dokumenti mehmuża jew ikun fiha hyperlinks. Dokument jista' jiġi mehmuż b'dettalji addizzjonali.

Kwalunkwe dokument mehmuż mhux se jagħmel parti mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm nazzjonali msemmi fl-Artikolu 14(7) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014.

| |
|---|
| |

TAQSIMA 3

**L-Objettivi tal-Programm (l-Artikolu 14(2)(b), (c) u (d) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014)**

L-informazzjoni fl-objettivi speċifiċi għandha tkun kompluta fiha nfusha u ma tistax tirreferi għal informazzjoni fi kwalunkwe dokument mehmuż jew ikun fiha hyperlinks.

**Objettiv speċifiku** (kif stabbilit fir-Regolamenti Speċifiċi): ipprovdi l-istrateġija xierqa, li tidentifika l-objettivi nazzjonali, inkluża deskrizzjoni ta' kif l-objettivi tar-Regolamenti Speċifiċi huma koperti, sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti identifikati fis-sitwazzjoni ta' referenza.

**Objettiv nazzjonali**: ipprovdi deskrizzjoni qasira tal-azzjonijiet ewlenin biex jinkiseb l-objettiv nazzjonali, bl-indikar pereżempju ta' dawk l-azzjonijiet li se jiġu appoġġati mill-programm nazzjonali (jiġifieri l-prijoritajiet ta' finanzjament), u bħala parti mid-deskrizzjoni jiġu pprovduti l-miri (ir-riżultati mixtieqa).

**Azzjoni speċifika** (kif stabbilita fir-Regolamenti Speċifiċi):

— Agħti deskrizzjoni ta' kif se titwettaq l-azzjoni, u ġustifikazzjoni għall-ammont allokat;

— għal azzjonijiet konġunti (proġetti transnazzjonali), l-Istat Membru mexxej biss għandu jelenka l-Istati Membri parteċipanti, inkluż ir-rwol u l-kontribut finanzjarju possibbli tagħhom, jekk applikabbli; kif ukoll

— l-Istati Membri parteċipanti għandhom jiddeskrivu r-rwol u l-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom, jekk applikabbli.

| OBJETTIV SPEĊIFIKU N: *Titolu* |
|---|
| |
| Objettiv nazzjonali n: *titolu* |
| |
| Azzjoni speċifika n: *titolu* |
| |

Skeda ta' żmien indikattiva: għal kull objettiv nazzjonali daħħal it-tliet azzjonijiet ewlenin li għandhom jiġu appoġġati bil-programm nazzjonali. Għal kull azzjoni niżżel is-sena meta din tkun ippjanata (pereżempju s-sejħa għall-proposti), meta se tiġi implimentata (pereżempju kuntratti/l-għotjiet iffirmati), u meta l-azzjoni se tkun magħluqa jew titlesta (pereżempju r-rapport finali).

*Skeda ta' żmien indikattiva*

**(l-Artikolu 14(2)(c) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014)**

| | Isem l-azzjoni | Il-bidu tal-ippjanar | L-istat ta' implimentazzjoni | L-għeluq |
|---|---|---|---|---|
| Objettiv speċifiku n: | | | | |
| Objettiv nazzjonali n: | | | | |
| | | | | |
| | | | | |

TAQSIMA 4

## Każijiet speċjali

Fil-każ fejn il-programm nazzjonali jinkludi pleġġ, ipprovdi n-numri għal kull kategorija tal-perjodu għall-pleġġ rispettiv, fejn applikabbli.

Billi jimla l-pjan għall-pleġġ, l-Istat Membru jikkonferma li hemm impenn nazzjonali uffiċjali li jonora l-pleġġ matul il-perjodu għall-pleġġ rispettiv u li l-miżuri se jiġu mwettqa b'mod effettiv matul il-perjodu.

Il-pjan għal-pleġġ: ipprovdi ġustifikazzjoni għall-pleġġ, l-impenn uffiċjali li jiġi onorat il-pleġġ, skeda ta' żmien indikattiva, il-proċess tal-għażla u l-operazzjonijiet meħtieġa biex jitwettaq il-pleġġ.

| Il-pjan tal-pleġġ | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |
| Il-kategoriji | Il-perjodu ta' pleġġ | Il-perjodu ta' pleġġ | Il-perjodu ta' pleġġ |
| | | | |
| Total | | | |

TAQSIMA 5

## Indikaturi komuni u indikaturi speċifiċi għall-programm (l-Artikolu 14(2)(f) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014)

Indikatur komuni (kif stabbilit fir-Regolamenti Speċifiċi): għal kull objettiv speċifiku segwit ipprovdi l-valur mira għal kull indikatur komuni u s-sors tad-dejta (pereżempju r-rapporti tal-proġetti).

Fil-każ fejn il-programm nazzjonali jinkludi indikaturi speċifiċi għall-programm ipprovdi: il-link għall-objettiv speċifiku rilevanti; deskrizzjoni tal-indikatur; l-unità ta' kejl; il-valur ta' referenza; il-valur mira li għandu jintlaħaq; u s-sors tad-dejta. Kull indikatur speċifiku għall-programm għandu jkun marbut ma' objettiv speċifiku uniku.

| L-ID tal-indikatur | Id-deskrizzjoni tal-indikatur | L-unità ta' kejl | Il-valur bażi | Il-valur immirat | Is-sors tad-dejta |
|---|---|---|---|---|---|
| Objettiv speċifiku n: titolu | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |

TAQSIMA 6

## Qafas għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-programm mill-Istat Membru

6.1. L-involviment ta' sħubija fit-tħejjija tal-programm (l-Artikolu 12(3) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014)

Sommarju tal-approċċ adottat, il-kompożizzjoni u l-involviment tas-sħab u l-istadji ewlenin ta' konsultazzjoni usa', fejn rilevanti, inkluż lista tas-sħab prinċipali (jew tipi ta' sħab) involuti jew ikkonsultati.

| |
|---|
| |

6.2. Il-Kumitat ta' Monitoraġġ (l-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014)

| |
|---|
| |

6.3. Qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni (l-Artikolu 14(2)(f) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014)

Ipprovdi deskrizzjoni fil-qosor tal-approċċ ippjanat u l-metodi li għandhom jintużaw.

Inkludi t-tweġibiet għal dan li ġej:

(a) Fejn se tkun tinsab il-funzjoni ta' evalwazzjoni u monitoraġġ? Liema se tkun l-entità responsabbli għall-evalwazzjoni?

(b) Il-valutazzjoni jew il-monitoraġġ se jiġu esternalizzati?

(c) Kif se tinġabar id-dejta dwar il-proġetti u l-indikaturi (is-sistema ta' monitoraġġ)?

| |
|---|
| |

6.4. L-involviment ta' sħubija fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programm nazzjonali (l-Artikolu 12(3) u 14(2)(h) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014)

Ipprovdi deskrizzjoni fil-qosor tal-approċċ li se jittieħed għas-sħab, il-livell ta' involviment tagħhom u l-istadji ewlenin tal-konsultazzjoni usa', fejn rilevanti, inkluż lista tat-tipi ta' sħab involuti jew ikkonsultati (jew is-sħab prinċipali).

| |
|---|
| |

6.5. L-informazzjoni u l-pubbliċità (l-Artikolu 14(2)(j) u 53 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014)

Ipprovdi deskrizzjoni tal-mekkaniżmi u l-metodi li għandhom jintużaw biex jiġi ppubbliċizzat il-programm nazzjonali.

| |
|---|
| |

6.6. Il-Koordinazzjoni u l-komplementarjetà ma' strumenti oħrajn (l-Artikolu 14(2)(e) u 14(5)(f) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014)

Iddeskrivi fil-qosor il-mekkaniżmi biex tiġi żgurata koordinazzjoni bejn l-istrumenti stabbiliti mir-Regolamenti Speċifiċi u ma' strumenti oħra tal-Unjoni u nazzjonali. Dan għandu jinkludi, jekk applikabbli, l-identifikazzjoni tal-korpi responsabbli għall-koordinazzjoni f'dawn l-oqsma u, fejn xieraq, l-istrutturi jew arranġamenti (pereżempju l-kumitati, il-proċeduri ta' konsultazzjoni) użati għal dan l-għan.

Fir-rigward tal-kumplimentarjetà ma' strumenti oħra tal-Unjoni għandhom jiġu kkunsidrati dawn li ġejjin:

— Il-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd);

— Fondi u programmi oħrajn tal-UE (pereżempju l-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja, il-Programm Kulturali, il-Programm Żgħażagħ fl-Azzjoni);

— Strumenti dwar ir-relazzjonijiet esterni tal-UE (pereżempju l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija, l-Istrument għall-Istabbiltà), sa fejn azzjonijiet f'pajjiżi terzi jew b'rabta magħhom huma kkonċernati.

| |
|---|
| |

6.7. Il-benefiċjarji u l-għotja diretta

6.7.1. Elenka t-tipi ewlenin ta' benefiċjarji tal-programm (uża l-lista hawn taħt)

| |
|---|
| |

It-tipi ta' benefiċjarji huma: l-awtoritajiet Statali/federali, il-korpi pubbliċi lokali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-organizzazzjonijiet pubbliċi internazzjonali, is-Salib l-Aħmar nazzjonali, il-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar, il-Federazzjoni Internazzjonali tas-Soċjetajiet tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar, il-kumpaniji tal-liġi pubblika jew privata, l-organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni/tar-riċerka, is-sħab soċjali.

6.7.2. L-għotja diretta

Indika l-objettiv nazzjonali, meta huwa maħsub li tintuża l-għotja diretta u pprovdi ġustifikazzjoni għal kull ċirkostanza.

| |
|---|
| |

TAQSIMA 7

## Il-pjan ta' finanzjament tal-programm (l-Artikolu 14(2)(i) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014)

Il-pjan ta' finanzjament tal-programm nazzjonali li jispeċifika, għall-perjodu sħiħ ta' programmazzjoni, l-ammont tal-kontribuzzjoni totali tal-UE għal kull objettiv speċifiku fil-mira. L-ammonti għall-objettivi nazzjonali fi ħdan l-objettiv speċifiku huma indikattivi. In-nefqa totali għall-assistenza teknika hija indikata.

7.1. Il-pjan ta' finanzjament skont l-objettivi speċifiċi

*Tabella*

*(f'EUR)*

| Objettiv speċifiku n: titolu | |
|---|---|
| Objettiv nazzjonali n | |
| **Subtotal ta' objettivi nazzjonali** | |
| Azzjoni speċifika n | |
| **Total 1 SO** | |
| Objettiv nazzjonali n + 1 | |
| **Subtotal ta' objettivi nazzjonali** | |
| Azzjoni speċifika n + 1 | |
| **Total n** | |
| **Każijiet speċjali** | |
| **Total ta' każijiet speċjali** | |
| Assistenza teknika: (Massimu = ammont fiss + (Allokazzjoni totali) *5 jew 5,5 % skont ir-Regolamenti Speċifiċi) | |
| **TOTAL** | |

Il-pjan ta' finanzjament indikattiv tal-programm nazzjonali li jispeċifika l-kontribuzzjoni totali tal-UE għal kull sena finanzjarja

7.2. Pjan ta' finanzjament skont is-sena finanzjarja

*Tabella*

*(f'EUR)*

| SENA | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TOTAL | | | | | | | | |

7.3. Ġustifikazzjoni għal kull devjazzjoni mill-ishma minimi stabbiliti fir-Regolamenti Speċifiċi. (Meħtieġa biss jekk il-valuri minimi ma jintlaħqux) l-Artikolu 14(5)(b)

Ipprovdi spjegazzjoni dettaljata għad-deroga mill-ishma minimi stabbiliti fir-Regolamenti Speċifiċi.

| |
|---|
| |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 803/2014

## tal-24 ta' Lulju 2014

## li jemenda ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 412/2013 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] (ir-Regolament bażiku),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 412/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina [2], u partikolarment l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

### A. **PROĊEDURA PREĊEDENTI**

(1) Fit-13 ta' Mejju 2013 il-Kunsill impona dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' oġġetti taċ-ċeramika ta' fuq il-mejda u tal-kċina ("oġġetti tal-mejda") li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ") mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 412/2013.

(2) Fl-investigazzjoni oriġinali għadd kbir ta' produtturi esportaturi mir-RPĊ għamlu lilhom infushom magħrufa. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' produtturi esportaturi Ċiniżi li għandu jkun investigat.

(3) Il-Kunsill impona rati individwali ta' dazju fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti tal-mejda li jvarjaw minn 13,1 % għal 23,4 % fuq il-kumpaniji inklużi fil-kampjun, u 17,9 % fuq kumpaniji oħra li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun.

(4) Il-Kunsill impona wkoll rata ta' dazju ta' 36,1 % fuq l-importazzjoni ta' oġġetti tal-mejda minn kumpaniji Ċiniżi li jew ma ddikjarawx ruħhom jew inkella ma kkooperawx fl-investigazzjoni.

(5) L-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 412/2013 jiddikjara li fejn xi produttur esportatur ġdid ta' oġġetti tal-mejda fir-RPĊ jipprovdi biżżejjed evidenza lill-Kummissjoni li:

(1) ma jkunx esporta fl-Unjoni oġġetti taċ-ċeramika ta' fuq il-mejda u tal-kċina matul il-perjodu ta' investigazzjoni mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011 ("il-perjodu tal-investigazzjoni");

(2) mhux relatat mal-ebda wieħed mill-esportaturi jew produtturi fir-RPĊ li huma soġġetti għall-miżuri antidumping imposti minn dak ir-Regolament, kif ukoll

(3) huwa jkun effettivament esporta lejn l-Unjoni l-prodott ikkonċernat wara l-perjodu tal-investigazzjoni li fuqu huma bbażati l-miżuri, jew li jkun daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni;

għalhekk l-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament jista' jiġi emendat billi l-produttur esportatur il-ġdid jingħata r-rata tad-dazju applikabbli għall-kumpaniji li jikkoperaw u li mhumiex inklużi fil-kampjun, jiġifieri r-rata ta' dazju medja peżata ta' 17,9 %.

### B. **TALBIET GĦAL TRATTAMENT TA' PRODUTTUR ESPORTATUR ĠDID**

(6) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 412/2013, erba' kumpaniji ppreżentaw ruħhom jgħidu li huma jissodisfaw t-tliet kriterji stabbiliti hawn fuq fil-premessa (5) u pprovdew evidenza.

(7) L-erba' kumpaniji huma manifatturi u esportaturi tal-prodott ikkonċernat.

(8) Tlieta minnhom kienu jeżistu matul l-investigazzjoni oriġinali iżda ma esportawx lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali.

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
[2] ĠU L 131, 15.5.2013, p. 1

(9) Ir-raba' kumpanija ma kinitx teżisti matul l-investigazzjoni oriġinali u għalhekk ma setgħatx esportat matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(10) Il-Kummissjoni analizzat l-evidenza mressqa mill-erba' kumpaniji u sabet li kull waħda mill-erba' kumpaniji tissodisfa t-tliet kriterji biex ikunu kkunsidrati bħala Produtturi Esportaturi Ġodda. Konsegwentement, l-ismijiet tagħhom jistgħu jiġu miżjuda mal-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun kif elenkat fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 412/2013.

(11) L-erba' kumpaniji u l-industrija tal-Unjoni kienu mgħarrfa bis-sejbiet ta' din l-investigazzjoni u ngħataw l-opportunità li jibagħtu l-kummenti tagħhom. Ma wasal l-ebda kumment.

(12) Dan ir-Regolament huwa skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kumpaniji segwenti jiżdiedu mal-lista ta' produtturi esportaturi mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 412/2013:

| Kumpanija | Kodiċi TARIC addizzjonali |
|---|---|
| Liling Taiyu Porcelain Industries Co., Ltd | B956 |
| Liling Xinyi Ceramics Industry Ltd. | B957 |
| T&C Shantou Daily Chemical Industry Co., Ltd. | B958 |
| Jing He Ceramics Co., Ltd | B959 |

*Artikolu 2*

Kif stipulat fl-Artikolu 1(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 412/2013, l-applikazzjoni tar-rata tad-dazju antidumping individwali tkun bil-kundizzjoni li l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jiġu ppreżentati b'fattura kummerċjali valida, li tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness II ta' dak ir-Regolament. Jekk l-ebda fattura bħal din ma tkun ippreżentata, id-dazju applikabbli għall-"Kumpaniji l-oħra kollha" msemmija fit-tabella tal-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament, japplikaw.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 804/2014

## tal-24 ta' Lulju 2014

## li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 1122/2009 fir-rigward tat-tnaqqis tal-ammonti tal-għajnuna għat-tressiq tard ta' applikazzjonijiet uniċi u applikazzjonijiet għall-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagamenti b'relazzjoni għal ċerti żoni tal-Italja milquta minn għargħar fl-2014

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 142(c) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009 ([2]) jipprovdi, fl-Artikoli 23(1) u 24, għal tnaqqis li għandu jiġi applikat f'każ ta' tressiq tard ta' applikazzjoni unika kif ukoll ta' dokumenti, kuntratti jew dikjarazzjonijiet li huma kostituttivi għall-eliġibbiltà tal-għajnuna, u ta' applikazzjoni għall-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagamenti.

(2) Skont l-Artikolu 11(2) u l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 1122/2009, l-Italja stabilixxiet il-15 ta' Mejju 2014 bħala l-aħħar ġurnata li fiha jistgħu jitressqu l-applikazzjonijiet uniċi u l-applikazzjonijiet għall-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagamenti għall-2014.

(3) Fit-3 ta' Mejju 2014 ċerti partijiet tar-reġjun Taljan tal-Marche kienu soġġetti għal xita eċċezzjonali li wasslet għal għargħar, ħsarat fl-infrastruttura, valangi, l-evakwazzjoni taċ-ċittadini, kif ukoll ħsarat f'azjendi u koltivazzjonijiet agrikoli.

(4) Din is-sitwazzjoni affettwat il-kapaċità tal-applikanti li jressqu l-applikazzjonijiet uniċi u l-applikazzjonijiet għall-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagamenti marbuta ma'pakkett agrikolu fil-muniċipalitajiet affettwati mill-għargħar fil-limiti ta' żmien stipulati fl-Artikolu 11(2) u l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 1122/2009.

(5) B'deroga mill-Artikolu 23(1) u l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1122/2009 huwa għalhekk xieraq li ma japplikax tnaqqis għat-tressiq tard ta' applikazzjonijiet uniċi u applikazzjonijiet għall-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagamenti fir-rigward ta' dawk il-bdiewa li ressqu l-applikazzjonijiet tagħhom marbuta ma' mill-anqas pakkett agrikolu wieħed fi ħdan il-muniċipalitajiet definiti mill-Italja bħala soġġetti għal għargħar gravi fir-reġjun ta' Marche sa mhux aktar tard mid-9 ta' Ġunju 2014.

(6) Minħabba li d-derogi għandhom ikopru l-applikazzjonijiet uniċi u l-applikazzjonijiet għall-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagamenti għas-sena tal-għajnuna 2014, huwa xieraq li dan ir-Regolament japplika retroattivament.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

B'deroga mill-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 1122/2009, fir-rigward tas-sena ta' applikazzjoni 2014, ma għandu japplika l-ebda tnaqqis għat-tressiq tard għal dawk il-bdiewa fir-reġjun Taljan tal-Marche li ressqu applikazzjoni unika marbuta ma' mill-anqas pakkett agrikolu wieħed fi ħdan il-muniċipalitajiet ta' Senigallia, Ripe, Corinaldo, Morro d'Alba, Ostra, Ostra Vetere, Barbara, Castel Colonna, Serra de' Conti, Montemarciano, Chiaravalle jew Osimo sa mhux aktar tard mid-9 ta' Ġunju 2014. Applikazzjonijiet uniċi bħal dawn, li jitressqu wara d-9 ta' Ġunju 2014, se jitqiesu mhux ammissibbli.

---

([1]) ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid (ĠU L 316, 2.12.2009, p. 65).

*Artikolu 2*

B'deroga mill-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1122/2009, fir-rigward tas-sena ta' applikazzjoni 2014, ma għandu japplika l-ebda tnaqqis għas-sottomissjoni tard għal dawk il-bdiewa fir-reġjun Taljan tal-Marche li ressqu applikazzjoni għall-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagamenti marbuta ma' mill-inqas pakkett agrikolu wieħed fi ħdan il-muniċipalitajiet ta' Senigallia, Ripe, Corinaldo, Morro d'Alba, Ostra, Ostra Vetere, Barbara, Castel Colonna, Serra de' Conti, Montemarciano, Chiaravalle jew Osimo sa mhux aktar tard mid-9 ta' Ġunju 2014. Applikazzjonijiet bħal dawn li jitressqu wara d-9 ta' Ġunju 2014, se jitqiesu mhux ammissibbli.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 805/2014

## tal-24 ta' Lulju 2014

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Jerzy PLEWA
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 KG)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MK | 59,9 |
| | TR | 55,3 |
| | XS | 56,8 |
| | ZZ | 57,3 |
| 0707 00 05 | MK | 50,7 |
| | TR | 81,4 |
| | ZZ | 66,1 |
| 0709 93 10 | TR | 84,5 |
| | ZZ | 84,5 |
| 0805 50 10 | AR | 107,5 |
| | BO | 98,4 |
| | CL | 116,3 |
| | NZ | 145,2 |
| | TR | 74,0 |
| | UY | 125,4 |
| | ZA | 127,5 |
| | ZZ | 113,5 |
| 0806 10 10 | BR | 149,7 |
| | CL | 81,7 |
| | EG | 186,0 |
| | MA | 159,8 |
| | TR | 78,9 |
| | ZZ | 131,2 |
| 0808 10 80 | AR | 243,2 |
| | BR | 134,1 |
| | CL | 111,9 |
| | NZ | 124,8 |
| | US | 145,0 |
| | ZA | 142,5 |
| | ZZ | 150,3 |
| 0808 30 90 | AR | 77,9 |
| | CL | 94,9 |
| | NZ | 163,0 |
| | ZA | 63,9 |
| | ZZ | 99,9 |
| 0809 10 00 | MK | 91,5 |
| | TR | 245,3 |
| | XS | 80,5 |
| | ZZ | 139,1 |

*(EUR/100 KG)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0809 29 00 | CA | 344,6 |
| | TR | 292,8 |
| | US | 344,6 |
| | ZZ | 327,3 |
| 0809 30 | MK | 72,6 |
| | TR | 137,7 |
| | ZZ | 105,2 |
| 0809 40 05 | BA | 54,7 |
| | MK | 53,5 |
| | ZZ | 54,1 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2014/86/UE

### tat-8 ta' Lulju 2014

### li temenda d-Direttiva 2011/96/UE dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni applikabbli fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 115 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxi f'konformità ma' proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE ([3]) teżenta d-dividendi u d-distribuzzjoni ta' profitti oħrajn imħallsa mill-kumpanniji sussidjarji lill-kumpanniji prinċipali tagħhom mit-taxxi minn ras il-għajn u telimina t-tassazzjoni doppja ta' tali introjtu fil-livell tal-kumpannija prinċipali.

(2) Il-benefiċċji tad-Direttiva 2011/96/UE ma għandhomx iwasslu għal sitwazzjonijiet ta' nontassazzjoni doppja u, b'hekk, jiġġeneraw benefiċċji fiskali mhux intenzjonati għal gruppi ta' kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti meta mqabbla ma' gruppi ta' kumpanniji tal-istess Stat Membru.

(3) Għall-finijiet biex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' nontassazzjoni doppja li jirriżultaw minn diskrepanzi fit-trattament tat-taxxa tad-distribuzzjonijiet tal-profitti bejn l-Istati Membri, l-Istat Membru tal-kumpannija prinċipali u l-Istat Membru tal-istabbiliment permanenti tagħha ma għandhomx jippermettu li dawk il-kumpanniji jibbenefikaw mill-eżenzjoni mit-taxxa applikata fuq profitti mqassma riċevuti, sal-punt li tali profitti jkunu deduċibbli mis-sussidjarja tal-kumpannija prinċipali.

(4) Huwa xieraq li tiġi aġġornata l-Parti A tal-Anness I għad-Direttiva 2011/96/UE biex jiġu inklużi forom oħra ta' kumpanniji soġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji fil-Polonja u forom oħra ta' kumpanniji li ġew introdotti fil-liġi tal-kumpanniji tar-Rumanija.

(5) Id-Direttiva 2011/96/UE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2011/96/UE hija emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 4(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) ma jintaxxawx tali profitti sal-punt li tali profitti ma jkunux deduċibbli mis-sussidjarja, u jintaxxaw tali profitti sal-punt li tali profitti jkunu deduċibbli mis-sussidjarja; jew"

([1]) Opinjoni tat-2 ta' April 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Opinjoni tal-25 ta' Marzu 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE tat-30 ta' Novembru 2011 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal- kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (ĠU L 345, 29.12.2011, p. 8).

2. Fl-Anness I, il-parti A, il-punt (u) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(u) kumpanniji taħt il-liġi Pollakka magħrufa bħala: 'spółka akcyjna', 'spółka z ograniczoną odpowiedzialnością','spółka komandytowo-akcyjna';"

3. Fl-Anness I, il-parti A, il-punt (w) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(w) kumpanniji taħt il-liġi tar-Rumanija magħrufa bħala: 'societăți pe acțiuni', 'societăți în comandită pe acțiuni', 'societăți cu răspundere limitată', 'societăți în nume colectiv', 'societăți în comandită simplă';"

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 2015. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif għandha ssir it-tali referenza għandhom jiġu stipulati mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. C. PADOAN

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2014/87/EURATOM

## tat-8 ta' Lulju 2014

## li temenda d-Direttiva 2009/71/Euratom li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija Atomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 31 u 32 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea, imfassla wara li tkun inghatat l-opinjoni ta' grupp ta' persuni maħtura mill-Kumitat Xjentifiku u Tekniku minn fost l-esperti xjentifiċi fl-Istati Membri,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom ([3]) tistabbilixxi standards uniformi bażiċi ta' sikurezza għall-protezzjoni tas-saħħa ta' individwi soġġetti għal esponimenti okkupazzjonali, pubbliċi u mediċi kontra l-perikli li jirriżultaw minn radjazzjoni jonizzanti.

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom ([4]) timponi obbligi fuq l-Istati Membri sabiex jistabbilixxu u jżommu fis-seħħ qafas nazzjonali għas-sikurezza nukleari. Dik id-Direttiva tirrifletti d-dispożizzjonijiet tal-istrumenti internazzjonali ewlenin fil-qasam tas-sikurezza nukleari, jiġifieri l-Konvenzjoni dwar is-Sigurtà [Sikurezza] Nukleari ([5]), kif ukoll il-Prinċipji Fundamentali tas-Sikurezza ([6]) stabbiliti mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika ("IAEA").

(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom ([7]) timponi obbligi fuq l-Istati Membri biex jistabbilixxu u jżommu fis-seħħ qafas nazzjonali għall-ġestjoni ta' fjuwil użat u skart radjuattiv.

(4) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2007 dwar is-sigurtà nukleari u l-ġestjoni sikura ta' karburant nukleari użat u skart radjuattiv enfasizzaw li s-"sigurtà nukleari hi responsabbiltà nazzjonali eżerċitata fejn meħtieġ f'qafas tal- UE. Deċiżjonijiet li jikkonċernaw azzjonijiet ta' sikurezza u s-superviżjoni ta' installazzjonijiet nukleari jibqgħu unikament tal-operaturi u tal-awtoritajiet nazzjonali".

(5) L-inċident nukleari ta' Fukushima fil-Ġappun fl-2011 ġedded l-attenzjoni dinjija fuq il-miżuri meħtieġa biex jiġi minimizzat ir-riskju u jiġu żgurati l-aktar livelli robusti ta' sikurezza nukleari. Abbażi tal-konklużjoni tal-Kunsill Ewropew tal-24-25 ta' Marzu 2011, l-awtoritajiet regolatorji kompetenti nazzjonali, flimkien mal-Kummissjoni fil-qafas tal-Grupp ta' Regolaturi Ewropew dwar is-Sikurezza Nukleari (ENSREG), stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/530/Euratom ([8]), wettqu valutazzjonijiet komprensivi tar-riskju u s-sikurezza ta' impjanti tal-enerġija nukleari ("stress tests") fil-Komunità kollha. Ir-riżultati identifikaw titjib li jista' jiġi implimentat f'approċċi ta' sikurezza nukleari u prattiki industrijali fil-pajjiżi parteċipanti.

([1]) Opinjoni tat-2 ta' April 2014 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) ĠU C 341, 21.11.2013, p. 92.
([3]) Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom (ĠU L 13, 17.1.2014, p. 1).
([4]) Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari (ĠU L 172, 2.7.2009. p. 18).
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/819/Euratom tas-16 ta' Novembru 1999 dwar l-adeżjoni mal-Konvenzjoni tal-1994 dwar is-Sigurtà [Sikurezza] Nukleari mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) (ĠU L 318, 11.12.1999, p. 20).
([6]) Prinċipji Fundamentali tas-Sikurezza tal-IAEA: Prinċipji fundamentali tas-sikurezza, Serje ta' Standards tas-Sigurtà tal-IAEA Nru SF-1 (2006).
([7]) Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv (ĠU L 199, 2.8.2011. p. 48).
([8]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/530/Euratom tas-17 ta' Lulju 2007 dwar it-twaqqif ta' Grupp ta' Livell Għoli Ewropew dwar is-Sikurezza Nukleari u l-Ġestjoni tal-Iskart Nukleari (ĠU L 195, 27.7.2007, p. 44).

Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew talab ukoll lill-Kummissjoni biex tirrevedi, kif meħtieġ, il-qafas legali u regolatorju eżistenti għas-sikurezza ta' installazzjonijiet nukleari u tipproponi kwalunkwe titjib li jista' jkun neċessarju. Il-Kunsill Ewropew enfasizza wkoll li fl-Unjoni għandhom jiġu implimentati u mtejba kontinwament l-ogħla standards tas-sikurezza nukleari.

(6) Awtorità regolatorja kompetenti b'saħħitha b'indipendenza effettiva fit-teħid ta' deċiżjonijiet regolatorji hija rekwiżit fundamentali tal-qafas regolatorju Komunitarju għas-sikurezza nukleari. Huwa ta' importanza kbira li awtorità regolatorja kompetenti tkun tista' teżerċita s-setgħat tagħha b'mod imparzjali, trasparenti u ħieles minn kull influwenza żejda fit-teħid ta' deċiżjonijiet regolatorji tagħha biex jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza nukleari. Deċiżjonijiet regolatorji u azzjonijiet ta' infurzar fil-qasam tas-sikurezza nukleari għandhom jiġu bbażati fuq konsiderazzjonijiet tekniċi oġġettivi relatati mas-sikurezza u għandhom jiġu stabbiliti mingħajr ebda influwenza esterna żejda li tista' tikkomprometti s-sikurezza, bħal influwenza żejda assoċjata ma' tibdil fil-kundizzjonijiet politiċi, ekonomiċi jew tas-soċjetà.

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/71/Euratom dwar is-separazzjoni funzjonali tal-awtoritajiet regolatorji kompetenti għandhom jissaħħu biex tiġi żgurata l-indipendenza effettiva tal-awtoritajiet regolatorji minn influwenza żejda fit-teħid ta' deċiżjonijiet regolatorji tagħhom u jiġi garantit li dawn jingħataw il-mezzi u l-kompetenzi adegwati biex iwettqu b'mod xieraq ir-responsabbiltajiet assenjati lilhom. B'mod partikolari, l-awtorità regolatorja għandu jkollha setgħat legali suffiċjenti, persunal suffiċjenti u riżorsi finanzjarji suffiċjenti għall-qadi xieraq tar-responsabbiltajiet assenjati lilha.

Madankollu, r-rekwiżiti msaħħa għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kooperazzjoni mill-qrib, kif adegwat, ma' awtoritajiet nazzjonali oħra rilevanti jew għal-linji gwida ġenerali ta' politika maħruġa mill-Istati Membri.

(7) Il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet regolatorji għandu jqis il-kompetenzi u l-għarfien espert, li jistgħu jingħataw minn organizzazzjonijiet ta' appoġġ tekniku. Dan l-għarfien espert għandu jkun imsejjes fuq l-aktar għarfien xjentifiku u tekniku avvanzat, inkluż minn esperjenza operazzjonali u riċerka marbuta mas-sikurezza, il-ġestjoni tal-għarfien, u riżorsi tekniċi adegwati.

(8) F'konformità mal-Parti 1 tar-Rekwiżiti tas-Sikurezza Ġenerali tal-IAEA, għandu jiġi rispettat kemm ir-rwol tal-Istati Membri fl-istabbiliment ta' qafas għas-sikurezza nukleari, kif ukoll ir-rwol tar-regolatur fl-implimentazzjoni ta' dak il-qafas.

(9) Minħabba n-natura speċjalizzata tal-industrija nukleari u d-disponibbiltà limitata ta' persunal bl-esperjenza u l-kompetenza rikjesta, li jirriżultaw fir-rotazzjoni possibbli ta' persuni b'responsabbiltà eżekuttiva bejn l-industrija nukleari u r-regolaturi, għandha tingħata attenzjoni speċjali biex jiġu evitati l-konflitti ta' interess. Barra minn hekk, għandhom isiru arranġamenti biex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda konflitt ta' interess għal dawk l-organizzazzjonijiet li jipprovdu pariri jew servizzi lill-awtorità regolatorja kompetenti.

(10) Il-konsegwenzi ta' inċident nukleari jistgħu jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, u għaldaqstant għandhom jiġu mħeġġa l-kooperazzjoni mill-qrib, il-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji kompetenti tal-Istati Membri fil-viċinanza ta' installazzjoni nukleari, irrispettivament minn jekk dawk l-Istati Membri jħaddmux installazzjonijiet nukleari jew le. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm arranġamenti adegwati fis-seħħ biex tiġi ffaċilitata din il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' sikurezza nukleari b'impatti transkonfinali.

(11) Sabiex jiġi żgurat li jinkisbu l-ħiliet adegwati u li jinkisbu u jinżammu livelli adegwati ta' kompetenza, il-partijiet kollha għandhom jiżguraw li l-persunal kollu li jkollu responsabbiltajiet marbuta mas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari u mal-istat ta' preparazzjoni għal emerġenza fuq il-post u l-arranġamenti tar-rispons, jgħaddi minn proċess kontinwu ta' tagħlim. Dak jista' jinkiseb permezz tal-istabbiliment ta' programmi ta' taħriġ u pjanijiet ta' taħriġ, proċeduri għal reviżjoni u aġġornament perjodiċi tal-programmi ta' taħriġ kif ukoll dispożizzjonijiet baġitarji adegwati għat-taħriġ.

(12) Tagħlima ewlenija oħra li ħadna mill-inċident nukleari ta' Fukushima hija l-importanza li titjieb it-trasparenza fi kwistjonijiet ta' sikurezza nukleari. It-trasparenza hija wkoll mezz importanti għall-promozzjoni tal-indipendenza fit-teħid ta' deċiżjonijiet regolatorji. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet attwali tad-Direttiva 2009/71/Euratom dwar l-informazzjoni li għandha tingħata lill-pubbliku ġenerali saru aktar speċifiċi fir-rigward tat-tip ta' informazzjoni li għandha tingħata. Barra minn hekk, il-pubbliku ġenerali għandu jingħata opportunitajiet biex jieħu sehem fil-fażijiet rilevanti tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet marbutin ma' installazzjonijiet nukleari skont il-qafas nazzjonali għas-sikurezza nukleari, filwaqt li jitqiesu s-sistemi nazzjonali differenti. Id-deċiżjonijiet dwar l-għoti ta' liċenzja jibqgħu r-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

(13) Ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva dwar it-trasparenza jikkumplimentaw lil dawk tal-leġislazzjoni Euratom eżistenti. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/600/Euratom [1] timponi obbligi fuq l-Istati Membri sabiex jinnotifikaw u jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħrajn f'każ ta' emerġenza radjoloġika fit-territorju tagħhom, filwaqt li d-Direttiva 2013/59/Euratom tinkludi rekwiżiti fuq l-Istati Membri sabiex jinformaw lill-pubbliku ġenerali dwar miżuri ta' protezzjoni tas-saħħa li għandhom ikunu applikati u l-passi li għandhom jittieħdu fil-każ ta' emerġenza radjoloġika, u sabiex jipprovdu f'intervalli regolari informazzjoni aġġornata lill-popolazzjoni li x'aktarx li tkun affettwata f'każ ta' emerġenza bħal din.

(14) Matul is-sitt Laqgħa ta' Reviżjoni tagħhom, il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari tennew l-impenn tagħhom għas-sejbiet tat-tieni Laqgħa Straordinarja li saret wara l-inċident ta' Fukushima. B'mod partikolari, huma enfasizzaw li "l-impjanti nukleari għandhom jiġu ddisinjati, mibnija u mħaddma bl-objettivi ta' prevenzjoni ta' inċidenti u, jekk iseħħ inċident, jiġu mitigati l-effetti tiegħu u tiġi evitata l-kontaminazzjoni lil hinn mill-post", u li "l-awtoritajiet regolatorji għandhom jiżguraw li dawn l-objettivi jiġu applikati sabiex ikun identifikat u implimentat titjib adatt ta' sikurezza fl-impjanti eżistenti".

(15) Fid-dawl tal-progress tekniku miksub permezz tad-dispożizzjonijiet tal-IAEA u mill-Assoċjazzjoni tar-Regolaturi Nukleari tal-Ewropa tal-Punent ("WENRA") u b'rispons għal-lezzjonijiet miksuba mit-testijiet tal-istress u l-investigazzjonijiet dwar l-inċident nukleari ta' Fukushima, id-Direttiva 2009/71/Euratom għandha tiġi emendata sabiex tinkludi objettiv ta' sikurezza nukleari ta' livell għoli tal-Komunità li jkopri l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-installazzjonijiet nukleari (il-lokalizzazzjoni, id-disinn, il-bini, l-użu, it-tħaddim, id-dikummissjonar). B'mod partikolari, dan l-objettiv jeħtieġ titjib sinifikanti għas-sikurezza fid-disinn ta' reatturi ġodda li għalih għandhom jintużaw l-għarfien u t-teknoloġija l-aktar avvanzati, b'kont meħud tal-aħħar rekwiżiti internazzjonali dwar is-sikurezza.

(16) Dak l-objettiv għandu notevolment jintlaħaq permezz ta' valutazzjonijiet tas-sikurezza nukleari, li jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva. Dawn għandhom jitwettqu mid-detenturi tal-liċenzja taħt il-kontroll tal-awtorità regolatorja kompetenti nazzjonali u jistgħu jintużaw għall-valutazzjoni tar-riskju ta' inċident maġġuri, kif kopert mid-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], dment li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

(17) Il-kunċett ta' difiża fil-fond hu fundamentali għas-sikurezza ta' installazzjonijiet nukleari u l-bażi għall-implimentazzjoni tal-objettiv ta' sikurezza nukleari ta' livell għoli. L-applikazzjoni tal-prinċipji ta' difiża fil-fond, hekk kif rikonoxxuti fi standards u gwida internazzjonali u minn WENRA, tiżgura li l-attivitajiet ta' sikurezza, sa fejn raġonevolment prattikabbli, ikunu soġġetti għal saffi indipendenti ta' dispożizzjonijiet, sabiex fl-eventwalità li jseħħ xi falliment, wieħed jinduna bih, jagħmel kumpens għalih jew jikkoreġih permezz ta' miżuri adatti. L-effettività ta' kull wieħed mis-saffi differenti hija element essenzjali tad-difiża fil-fond sabiex jiġu evitati inċidenti u jiġu mitigati l-konsegwenzi jekk dawn iseħħu. Id-difiża fil-fond ġeneralment hija strutturata f'ħames livelli. Jekk ifalli livell minnhom, jiskatta l-livell sussegwenti. L-objettiv tal-ewwel livell ta' protezzjoni hu l-prevenzjoni ta' operazzjoni abnormali u l-falliment tas-sistema. Jekk ifalli l-ewwel livell, l-operazzjoni abnormali tiġi kontrollata jew jiġu individwati l-fallimenti mit-tieni livell ta' protezzjoni. Kieku kellu jfalli t-tieni livell, it-tielet livell jiżgura li l-funzjonijiet ta' sikurezza jibqgħu jitħaddmu permezz tal-attivazzjoni ta' sistemi speċifiċi ta' sikurezza u karatteristiċi oħrajn ta' sikurezza. Jekk kellu jfalli t-tielet livell, ir-raba' livell jillimita l-progress tal-inċident permezz tal-ġestjoni tal-inċident, sabiex jiġu evitati jew mitigati kondizzjonijiet severi tal-inċident b'riżultat ta' rilaxxi esterni ta' materjal radjuattiv. L-aħħar objettiv (il-ħames livell ta' protezzjoni) hu l-mitigazzjoni tal-konsegwenzi radjoloġiċi ta' rilaxxi esterni sinifikanti permezz ta' rispons għal emerġenza lil hinn mill-post.

(18) Flimkien mad-difiża fil-fond, il-kultura ta' sikurezza nukleari effettiva hi meqjusa bħala fattur fundamentali biex jinkiseb livell għoli ta' sikurezza nukleari u l-moviment kontinwu tagħha. L-indikaturi għal kultura effettiva ta' sikurezza nukleari jinkludu, b'mod partikolari: l-impenn fil-livelli kollha tal-persunal u l-amministrazzjoni fl-organizzazzjoni għas-sikurezza nukleari u t-titjib kontinwu tagħha, il-promozzjoni tal-ħila tal-persunal fil-livelli kollha biex jistaqsi dwar l-attwalizzazzjoni tal-prinċipji u l-prattika ta' sikurezza sabiex tiġi kontinwament imtejba s-sikurezza nukleari; il-ħila tal-persunal biex jirrapporta kwistjonijiet ta' sikurezza fil-ħin, l-identifikazzjoni tal-lezzjonijiet meħuda mill-esperjenza operazzjonali; u r-rapportar sistematiku ta' kwalunkwe devjazzjoni mill-kondizzjonijiet jew arranġamenti ta' operazzjoni normali rilevanti għall-ġestjoni tal-inċident li għandhom il-potenzjal li jħallu impatt fuq is-sikurezza nukleari. Elementi importanti li jgħinu fil-kisba ta' kultura ta' sikurezza nukleari b'saħħitha jinkludu, b'mod partikolari, sistemi ta' ġestjoni effettivi, edukazzjoni u taħriġ adatti u arranġamenti mid-detentur tal-liċenzja biex jirreġistra, jevalwa u jiddokumenta esperjenza ta' operazzjoni sinifikanti rigward sikurezza sew interna kif ukoll esterna u riżoluzzjoni effettiva tal-problemi li jkunu tqajmu.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/600/Euratom tal-14 ta' Diċembru 1987 dwar l-arranġamenti Komunitarji għall-iskambju bikri ta' informazzjoni fil-każ ta' emerġenza radjoloġika (ĠU L 371, 30.12.1987, p. 76).

[2] Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

(19) Fejn "raġonevolment prattikabbli" tintuża f'din id-Direttiva hija għandha tiġi applikata skont definizzjonijiet stabbiliti, b'mod partikolari d-definizzjonijiet tal-WENRA u tal-IAEA.

(20) Wara l-inċidenti nukleari fi Three Mile Island u Chernobyl, l-inċident nukleari ta' Fukushima enfasizza għal darb'oħra l-importanza kritika tal-funzjoni tal-konteniment, li hija l-aħħar ilqugħ li jħares lin-nies u lill-ambjent mir-rilaxx radjuattiv li jirriżulta minn inċident. Għalhekk l-applikant għal liċenzja għall-kostruzzjoni ta' reattur ġdid tal-enerġija jew ta' riċerka għandu juri li d-disinn jillimita l-effetti ta' ħsara fil-qalba tar-reattur fil-limiti tal-konteniment, jiġifieri l-applikant għandu juri li rilaxx radjuattiv kbir jew mhux awtorizzat lil hinn mill-konteniment huwa estremament improbabbli, u li l-applikant għandu jkun jista' juri b'livell għoli ta' fiduċja li tali rilaxx mhux ser iseħħ.

(21) Għandhom ikunu meħtieġa arranġamenti aktar speċifiċi għall-ġestjoni ta' inċidenti u r-rispons għal emerġenza fuq il-post biex jiġu indirizzati l-prevenzjoni u l-mitigazzjoni ta' inċidenti. Dawk għandhom ikunu f'konformità u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2013/59/Euratom. Id-detentur tal-liċenzja għandu jagħmel provvediment għall-proċeduri, il-linji gwida u l-arranġamenti li jindirizzaw inċidenti inklużi inċidenti serji, li jistgħu jseħħu fil-modalitajiet kollha ta' operazzjoni, inkluża potenza sħiħa, tifi u sitwazzjonijiet transizzjonali, li jiżguraw il-konsistenza u l-kontinwità bejn dawn il-proċeduri u l-arranġamenti kollha, u li dawn jiġu eżerċitati, riveduti u aġġornati. Dawk l-arranġamenti għandhom jipprevedu wkoll persunal, tagħmir u riżorsi neċessarji oħrajn suffiċjenti. Għandha tiġi pprovduta struttura organizzattiva b'allokazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet, u koordinazzjoni fost il-korpi ta' rispons.

(22) It-testijiet tal-istress urew l-irwol ewlieni ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni mtejba bejn il-partijiet kollha li għandhom responsabbiltajiet tas-sikurezza nukleari. Ir-reviżjonijiet bejn il-pari wrew li huma mezz tajjeb għall-bini tal-fiduċja, bil-għan li tiġi żviluppata u skambjata l-esperjenza u tkun żgurata l-applikazzjoni komuni ta' standards ta' sikurezza nukleari għolja.

(23) Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar is-sikurezza nukleari hi stabbilita sew u tista' tkun ta' valur miżjud f'termini ta' sikurezza nukleari, trasparenza u frankezza fil-konfront tal-partijiet interessati fil-livell Ewropew u dak internazzjonali.

L-Istati Membri, li permezz tal-awtoritajiet regolatorji kompetenti tagħhom jagħmlu użu rilevanti mill-ENSREG u jibnu fuq il-kompetenza esperta tal-WENRA, għandhom, kull sitt snin, jiddefinixxu metodoloġija, Termini ta' Referenza u limitu ta' żmien għal Reviżjonijiet bejn il-Pari dwar suġġett tekniku speċifiku komuni relatat mas-sikurezza nukleari tal-installazzjonijiet nukleari tagħhom. Is-suġġett tekniku speċifiku komuni li għandu jiġi kkunsidrat għandu jiġi identifikat fost il-livelli ta' referenza ta' sikurezza tal-WENRA jew abbażi tar-rispons mill-esperjenza ta' operazzjoni, aċċidenti jew inċidenti u żviluppi teknoloġiċi u xjentifiċi. L-Istati Membri għandhom iwettqu awtovalutazzjoni nazzjonali u jagħmlu arranġamenti għal reviżjonijiet komuni bejn il-pari minn awtoritajiet regolatorji kompetenti ta' Stati Membri oħrajn tal-awtovalutazzjoni nazzjonali tagħhom.

Għandhom isiru rapporti dwar is-sejbiet ta' dawk ir-reviżjonijiet bejn il-pari. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali biex jiġu indirizzati s-sejbiet rilevanti u l-valutazzjoni nazzjonali proprja, filwaqt li jittieħed kont ta' dawk ir-reviżjonijiet bejn il-pari. Ir-rapporti ta' reviżjoni bejn il-pari għandhom ukoll ikunu l-bażi ta' kwalunkwe rapport sommarju tal-eżitu tal-eżerċizzju ta' reviżjoni topika bejn il-pari madwar l-Unjoni mħejji kollettivament mill-awtoritajiet regolatorji kompetenti tal-Istati Membri. Ir-rapport sommarju ma għandux ikollu l-għan li jikklassifika s-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari iżda aktar li jiffoka fuq il-proċess u s-sejbiet tekniċi tar-reviżjoni topika bejn il-pari sabiex l-għarfien miksub mill-eżerċizzju jista' jiġi kondiviż.

Il-fiduċja reċiproka għandha tipprevali fir-reviżjonijiet bejn il-pari, u għandha għalhekk tkun adatta għall-Kummissjoni, kull fejn prattikabbli, li tinforma lill-Istati Membri meta tkun biħsiebha tuża r-riżultati tar-rapporti tar-reviżjoni bejn il-pari fid-dokumenti ta' politika tagħha.

(24) L-obbligi tal-Istati Membri li jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u l-obbligu tal-Kummissjoni li tħejji rapport abbażi tar-rapporti nazzjonali għandhom jipprovdu opportunità biex isir rendikont ta' u jevalwaw l-aspetti diversi tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva kif ukoll tal-effettività tagħha. Jeżistu fil-livell internazzjonali għadd ta' obbligi rilevanti ta' rappurtar, bħar-rapporti tal-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari, li r-riżultati tagħhom jistgħu jintużaw għall-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Barra minn hekk, għandhom jiġu stabbiliti taħt din id-Direttiva rekwiżiti addizzjonali ta' rappurtar b'rabta mas-sejbiet tar-reviżjonijiet topiċi bejn il-pari ta' installazzjonijiet nukleari. Konsegwentement, bil-ħsieb tas-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv, l-obbligu ta' rappurtar għall-Istati Membri sar inqas oneruż kemm fir-rigward tal-frekwenza ta' rappurtar kif ukoll il-kontenut tar-rapporti.

(25) F'konformità ma' approċċ iggradat, l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva tiddependi fuq it-tipi ta' installazzjonijiet nukleari fit-territorju ta' Stat Membru. Għaldaqstant, meta jimplimentaw dawn id-dispożizzjonijiet fil-liġi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw id-daqs potenzjali u n-natura tar-riskji ppreżentati mill-installazzjonijiet nukleari li jippjanaw jew iħaddmu. B'mod partikolari, l-approċċ iggradat għandu

jirrigwarda lil dawk l-Istati Membri li jżommu biss inventarju żgħir ta' materjal nukleari u radjuattiv, eż. dawk marbuta mat-tħaddim ta' faċilitajiet żgħar ta' reatturi ta' riċerka, li f'każ ta' inċident serju ma jnisslux konsegwenzi komparabbli ma' dawk iġġenerati mill-impjanti tal-enerġija nukleari.

(26) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li huma intrinsikament marbuta mal-eżistenza ta' installazzjonijiet nukleari, jiġifieri dawk li jirrigwardaw l-obbligi tad-detentur tal-liċenzja, ir-rekwiżiti speċifiċi ġodda għall-installazzjonijiet nukleari u d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw it-tħejjija u r-rispons għall-emerġenza fuq il-post ma għandhomx ikunu applikabbli għall-Istati Membri li m'għandhomx installazzjonijiet nukleari. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom jiġu trasposti u implimentati b'mod proporzjonat skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali u jikkunsidraw il-fatt li dawk l-Istati Membri m'għandhomx installazzjonijiet nukleari, filwaqt li jassiguraw li s-sikurezza nukleari tingħata attenzjoni xierqa mill-gvern jew mill-awtoritajiet kompetenti.

(27) Skont id-Direttiva 2009/71/Euratom, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu qafas leġislattiv, regolatorju u organizzattiv nazzjonali għas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari. Id-deċiżjoni ta' kif id-dispożizzjonijiet tal-qafas nazzjonali jiġu adottati u permezz ta' liema strument jiġu applikati tibqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri.

(28) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar dokumenti ta' spjegazzjoni, l-Istati Membri ntrabtu li jakkumpanjaw, f'każijiet iġġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur jikkunsidra li t-trasmissjoni ta' tali dokumenti hija ġġustifikata.

(29) Id-Direttiva 2009/71/Euratom għaldaqstant għandha tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2009/71/Euratom għandha tiġi emendata kif ġej:

(1) l-intestatura tal-Kapitolu 1 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"OBJETTIVI, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET".

(2) L-Artikolu 2 jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal kull installazzjoni nukleari ċivili soġġetta għal liċenzja.";

(b) il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Din id-Direttiva tissupplimenta l-istandards bażiċi msemmijin fl-Artikolu 30 tat-Trattat fir-rigward tas-sikurezza nukleari tal-installazzjonijiet nukleari u hija mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni Komunitarja eżistenti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jirriżultaw mir-radjazzjoni jonizzanti, u b'mod partikolari d-Direttiva 2013/59/Euratom (*).

(*) Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom (ĠU L 13, 17.1.2014, p. 1).".

(3) L-Artikolu 3 jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1(a) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) impjant nukleari, impjant ta' arrikkiment, impjant ta' manifattura ta' karburant nukleari, impjant ta' riproċessar, faċilità ta' reattur ta' riċerka, faċilità għall-ħżin ta' karburant użat; u";

(b) jiġu miżjuda l-paragrafi li ġejjin:

"6. 'inċident' tfisser kwalunkwe avveniment mhux intenzjonat, li l-konsegwenzi jew il-konsegwenzi potenzjali tiegħu jkunu sinifikanti mill-perspettiva tal-protezzjoni mir-radjazzjoni jew tas-sikurezza nukleari;

7. 'aċċident' tfisser kwalunkwe avveniment mhux intenzjonat, li l-konsegwenzi jew il-konsegwenzi potenzjali tiegħu ma jkunux negliġibbli mill-perspettiva tal-protezzjoni mir-radjazzjoni jew is-sikurezza nukleari;

8. 'operazzjonijiet abnormali' tfisser proċess operazzjonali li jiddevja mill-operat normali li huwa mistenni li jseħħ mill-inqas darba waqt iċ-ċiklu ta' ħajja operattiva ta' faċilità iżda li, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet xierqa dwar id-disinn, ma jikkawża ebda ħsara sinifikanti lil oġġetti importanti għas-sikurezza u ma jwassalx għal kundizzjonijiet ta' inċident;

9. 'bażi ta' disinn' tfisser il-firxa ta' kundizzjonijiet u avvenimenti kkunsidrati b'mod espliċitu fid-disinn, inkluż kwalunkwe titjib, ta' installazzjoni nukleari, skont kriterji stabbiliti, b'mod li l-installazzjoni tkun tista' tiflaħ għalihom mingħajr ma taqbeż il-limiti awtorizzati bit-tħaddim ippjanat tas-sistemi ta' sikurezza;

10. 'inċident fuq bażi ta' disinn' tfisser kundizzjonijiet ta' inċident li installazzjoni nukleari tkun imfassla abbażi tagħhom skont kriterji stabbiliti tad-disinn, u li għalihom il-ħsara lill-fjuwil, fejn applikabbli, u r-rilaxx ta' materjal radjuattiv jinżammu fil-limiti awtorizzati;

11. 'kundizzjonijiet serji' tfisser kundizzjonijiet li huma aktar serji minn kundizzjonijiet marbutin ma' inċidenti fuq bażi ta' disinn; tali kundizzjonijiet jistgħu jkunu kkawżati minn diversi fallimenti, bħat-telf totali tal-partijiet kollha ta' sistema ta' sikurezza, jew minn avveniment estremament improbabbli."

(4) Fil-Kapitolu 2, it-titolu li ġej għandu jiddaħħal wara l-intestatura "OBBLIGI":

*"TAQSIMA 1*

***Obbligi ġenerali".***

(5) L-Artikolu 4(1) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu qafas leġislattiv, regolatorju u organizzattiv nazzjonali ('il-qafas nazzjonali') għas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari. Il-qafas nazzjonali għandu jipprevedi b'mod partikolari:

(a) l-allokazzjoni ta' responsabbiltajiet u koordinazzjoni bejn il-korpi rilevanti tal-istat;

(b) rekwiżiti nazzjonali għas-sikurezza nukleari, li jkopru l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja ta' installazzjonijiet nukleari;

(c) sistema ta' liċenzjar u l-projbizzjoni tal-operat ta' installazzjonijiet nukleari mingħajr liċenzja;

(d) sistema ta' kontroll regolatorju tas-sikurezza nukleari mħaddma mill-awtorità regolatorja kompetenti;

(e) azzjonijiet ta' infurzar effettivi u proporzjonati, inkluż, fejn xieraq, azzjoni korrettiva jew sospensjoni tal-operat u modifika jew revoka ta' liċenzja.

Id-determinazzjoni dwar kif ir-rekwiżiti nazzjonali għas-sikurezza nukleari msemmija fil-punt (b) huma adottati u permezz ta' liema strument huma applikati tibqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri;".

(6) Fl-Artikolu 5, il-paragrafi 2 u 3 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-indipendenza effettiva minn influwenza bla bżonn tal-awtorità regolatorja kompetenti fit-teħid ta' deċiżjonijiet regolatorju tagħha. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-qafas nazzjonali jesiġi li l-awtorità regolatorja kompetenti:

(a) tkun funzjonalment separata minn kwalunkwe korp jew organizzazzjoni oħra kkonċernata bil-promozzjoni jew l-użu tal-enerġija nukleari, u ma titlob jew tieħu struzzjonijiet minn ebda tali korp jew organizzazzjoni, meta tkun qed twettaq il-kompiti regolatorji tagħha;

(b) tieħu deċiżjonijiet regolatorji, imsejsa fuq rekwiżiti ta' sikurezza nukleari robusti u trasparenti;

(c) tingħata allokazzjonijiet baġitarji dedikati u xierqa biex tkun tista' twettaq il-kompiti regolatorji tagħha kif definiti fil-qafas nazzjonali u tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit allokat;

(d) timpjega numru xieraq ta' membri tal-persunal bil-kwalifiki, l-esperjenza u l-għarfien espert meħtieġa biex twettaq l-obbligi tagħha. Hija tista' tuża riżorsi xjentifiċi u tekniċi u għarfien espert b'appoġġ għall-funzjoniiet regolatorji tagħha;

(e) tistabbilixxi proċeduri għall-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess;

(f) tipprovdi informazzjoni marbuta mas-sikurezza nukleari mingħajr approvazzjoni minn kwalunkwe korp jew organizzazzjoni oħra, sakemm dan ma jipperikolax interessi oħrajn li jieħdu preċedenza, bħas-sigurtà, rikonoxxuti fil-leġislazzjoni jew strumenti internazzjonali rilevanti.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità regolatorja kompetenti tingħata s-setgħat legali meħtieġa sabiex twettaq l-obbligi tagħha b'rabta mal-qafas nazzjonali deskritt fl-Artikolu 4(1). Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-qafas nazzjonali jafda f'idejn l-awtoritajiet regolatorji kompetenti l-kompiti regolatorji ewlenin li ġejjin:

(a) li jipproponi, jiddefinixxu jew jieħdu sehem fid-definizzjoni tar-rekwiżiti ta' sikurezza nukleari nazzjonali;

(b) li jesiġu li d-detentur tal-liċenzja jikkonforma u juri konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza nukleari nazzjonali u t-termini tal-liċenzja rilevanti;

(c) li jivverifikaw tali konformità permezz ta' valutazzjonijiet u spezzjonijiet regolatorji;

(d) li jipproponu jew iwettqu azzjonijiet ta' infurzar effettivi u proporzjonati.".

(7) L-Artikoli 6, 7 u 8 huma sostitwiti b'dan li ġej:

*"Artikolu 6*

**Detenturi ta' liċenzja**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas nazzjonali jesiġi li:

(a) ir-responsabbiltà ewlenija għas-sikurezza nukleari ta' installazzjoni nukleari tkun tad-detentur tal-liċenzja. Dik ir-responsabbiltà ma tistax tiġi delegata u tinkludi r-responsabbiltà għall-attivitajiet tal-kuntratturi u s-sottokuntratturi li l-attivitajiet tagħhom jistgħu jaffettwaw is-sikurezza nukleari ta' installazzjoni nukleari;

(b) meta japplika għal liċenzja, l-applikant huwa mitlub jippreżenta dimostrazzjoni ta' sikurezza nukleari. L-ambitu u l-livell ta' dettall tagħha għandhom ikunu proporzjonati mal-kobor potenzjali u n-natura tal-periklu rilevanti għall-installazzjoni nukleari u l-post tagħha;

(c) id-detenturi ta' liċenzja għandhom regolarment jivvalutaw, jivverifikaw, u kontinwament itejbu, sa fejn ikun raġonevolment prattikabbli, is-sikurezza nukleari tal-installazzjonijiet nukleari tagħhom b'mod sistematiku u verifikabbli. Dawn għandhom jinkludu verifika li hemm miżuri stabbiliti għall-prevenzjoni ta' inċidenti u biex jittaffew il-konsegwenzi tal-inċidenti, inkluża fil-verifika tal-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet ta' difiża fil-fond;

(d) id-detenturi ta' liċenzja jistabbilixxu u jimplimentaw sistemi ta' ġestjoni li jagħtu prijorità dovuta lis-sikurezza nukleari;

(e) id-detenturi ta' liċenzja jagħmlu provvedimenti għal proċeduri u arranġamenti xierqa ta' emerġenza fuq il-post, inkluż linji gwida għall-ġestjoni ta' inċidenti serji jew arranġamenti ekwivalenti, għal rispons effettiv għall-inċidenti sabiex jiġu pprevenuti jew jittaffew il-konsegwenzi tagħhom. Dawk għandhom b'mod partikolari:

   (i) ikunu konsistenti ma' proċeduri operazzjonali oħra u jitħaddmu perjodikament sabiex tiġi verifikata l-prattikabbiltà tagħhom;

   (ii) jindirizzaw inċidenti u inċidenti serji li jistgħu jseħħu fil-modi operazzjonali kollha u dawk li jinvolvu jew jolqtu diversi unitajiet fl-istess ħin;

   (iii) jipprovdu arranġamenti biex tiġi riċevuta għajnuna esterna;

   (iv) jiġu riveduti perjodikament u aġġornati regolarment, filwaqt li titqies l-esperjenza mill-eżerċizzji u l-lezzjonijiet meħuda mill-inċidenti;

(f) id-detenturi ta' liċenzja jipprevedu u jżommu riżorsi finanzjarji u umani bi kwalifiki u kompetenzi xierqa, meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom fir-rigward tas-sikurezza nukleari tal-installazzjoni nukleari. Id-detenturi ta' liċenzja għandhom jiżguraw ukoll li l-kuntratturi u s-sottokuntratturi taħt ir-responsabbiltà tagħhom u li l-attivitajiet tagħhom jistgħu jaffettwaw s-sikurezza nukleari ta' installazzjoni nukleari jkollhom ir-riżorsi umani meħtieġa bil-kwalifiki u l-kompetenzi xierqa biex iwettqu l-obbligi tagħhom.

*Artikolu 7*

**Għarfien espert u ħiliet fis-sikurezza nukleari**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas nazzjonali jesiġi li l-partijiet kollha jagħmlu arranġamenti għall-edukazzjoni u t-taħriġ għall-persunal tagħhom li jkollu responsabbiltajiet relatati mas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari biex jiksbu, iżommu u jkomplu jiżviluppaw għarfien espert u ħiliet fis-sikurezza nukleari u tħejjija għal emerġenzi fuq il-post.

*Artikolu 8*

**Trasparenza**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni meħtieġa fir-rigward tas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari u r-regolamentazzjoni tagħha ssir disponibbli għall-ħaddiema u għall-pubbliku ġenerali, b'kunsiderazzjoni speċifika għall-awtoritajiet lokali, il-popolazzjoni u l-partijiet interessati fil-viċinanza ta' installazzjoni nukleari. Dak l-obbligu jinkludi l-iżgurar li l-awtorità regolatorja kompetenti u d-detenturi ta' liċenzja, fl-oqsma ta' responsabbiltà tagħhom, jipprovdu fil-qafas tal-politika ta' komunikazzjoni tagħhom:

(a) informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet operattivi normali tal-installazzjonijiet nukleari għall-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali, u

(b) informazzjoni minnufih fil-każ ta' aċċidenti u inċidenti għall-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali u għall-awtoritajiet regolatorji kompetenti ta' Stati Membri oħrajn fil-viċinanza ta' installazzjoni nukleari.

2. L-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku skont il-leġislazzjoni rilevanti u l-istrumenti internazzjonali, sakemm dan ma jipperikolax interessi prevalenti oħra, bħas-sigurtà, li huma rikonoxxuti fil-leġislazzjoni rilevanti jew strumenti internazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), jiżguraw li l-awtorità regolatorja kompetenti tieħu sehem, kif xieraq, f'attivitajiet ta' kooperazzjoni dwar is-sikurezza nukleari tal-installazzjonijiet nukleari mal-awtoritajiet regolatorji kompetenti ta' Stati Membri oħrajn fil-viċinanza ta' installazzjoni nukleari, fost l-oħrajn permezz tal-iskambju u/jew il-qsim tal-informazzjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku ġenerali għandu jingħata l-opportunitajiet xierqa biex jieħu sehem b'mod effettiv fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet marbut mal-għoti ta' liċenzji għal installazzjonijiet nukleari, f'konformità mal-leġislazzjoni rilevanti u l-istrumenti internazzjonali.".

(8) It-Taqsima li ġejja ġiet imdaħħla wara l-Artikolu 8:

"*TAQSIMA 2*

***Obbligi speċifiċi***

*Artikolu 8a*

**Objettiv tas-sikurezza nukleari għal installazzjonijiet nukleari**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas ta' sikurezza nukleari nazzjonali jesiġi li l-installazzjonijiet nukleari jiġu ddisinjati, ippożizzjonati, mibnija, ikkummissjonati, mħaddmin u dekommissjonati bil-għan li jiġu pprevenuti inċidenti u, jekk iseħħ inċident, jittaffew il-konsegwenzi tiegħu u jiġi evitat:

(a) rilaxx radjuattiv bikri li jkun jeħtieġ miżuri ta' emerġenza lil hinn mill-post iżda b'nuqqas ta' ħin biex jiġu implimentati;

(b) rilaxx radjuattiv kbir li jkun jeħtieġ miżuri ta' protezzjoni li ma jistgħux ikunu limitati f'żona jew f'ħin.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas nazzjonali jitlob li l-objettiv stabbilit fil-paragrafu 1:

(a) japplika għal installazzjonijiet nukleari li għalihom tingħata liċenzja ta' bini għall-ewwel darba wara l-14 ta' Awwissu 2014;

(b) jintuża bħala referenza għall-implimentazzjoni f'waqtha ta' titjib raġonevolment prattikabbli fis-sikurezza ta' installazzjonijiet nukleari eżistenti, inkluż fil-qafas tar-reviżjonijiet perjodiċi ta' sikurezza kif definiti fl-Artikolu 8c(b).

*Artikolu 8b*

**Implimentazzjoni tal-objettiv tas-sikurezza nukleari għal installazzjonijiet nukleari**

1. Sabiex jilħqu l-objettiv tas-sikurezza nukleari stabbilit fl-Artikolu 8a, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas nazzjonali jesiġi li fejn tapplika d-difiza fil-fond, għandha tiġi applikata biex tiżgura li:

(a) jitnaqqas l-impatt ta' perikli naturali esterni estremi u perikli mhux intenzjonati kkawżati mill-bniedem kemm jista' jkun;

(b) jiġu pprevenuti operat u fallimenti abnormali;

(c) jiġi kkontrollat l-operat abnormali u jiġu identifikati l-fallimenti;

(d) jiġu kkontrollati inċidenti fi ħdan il-bażi ta' disinn;

(e) jiġu kkontrollati kundizzjonijiet serji, inkluż il-prevenzjoni tal-progressjoni ta' inċidenti u l-mitigazzjoni tal-konsegwenzi ta' inċidenti serji;

(f) ikunu fis-seħħ strutturi organizzattivi skont l-Artikolu 8d(1).

2. Sabiex jinkiseb l-objettiv ta' sikurezza nukleari stabbilit fl-Artikolu 8a, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas nazzjonali jitlob li l-awtorità regolatorja kompetenti u d-detentur ta' liċenzja jieħdu miżuri biex irawmu u jsaħħu kultura effettiva ta' sikurezza nukleari. Dawk il-miżuri jinkludu b'mod partikolari:

(a) sistemi ta' ġestjoni li jagħtu l-prijorità mistħoqqa lis-sikurezza nukleari u jrawmu, fil-livelli kollha tal-persunal u l-amministrazzjoni, il-ħila li wieħed jagħmel mistoqsijiet dwar it-twettiq tal-prinċipji u l-prattiki ta' sikurezza rilevanti, u l-ħila li jsir rapport f'waqtu dwar kwistjonijiet ta' sikurezza, skont l-Artikolu 6(d);

(b) arranġamenti mid-detentur ta' liċenzja biex jirreġistra, jevalwa u jiddokumenta esperjeza operattiva sinifikanti ta' sikurezza interna u esterna;

(c) l-obbligi tad-detentur ta' liċenzja li jirrapporta avvenimenti b'impatt potenzjali fuq is-sikurezza nukleari lill-awtorità regolatorja kompetenti; u,

(d) arranġamenti għall-edukazzjoni u t-taħriġ, skont l-Artikolu 7.

*Artikolu 8c*

**Valutazzjoni inizjali u reviżjonijiet perjodiċi ta' sikurezza**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas nazzjonali jesiġi li:

(a) kwalunkwe għoti ta' liċenzja biex tinbena installazzjoni nukleari, jew titħaddem installazzjoni nukleari, jkun imsejjes fuq valutazzjoni adegwata speċifika għall-post u l-installazzjoni, li tinkludi dimostrazzjoni tas-sikurezza nukleari fir-rigward tar-rekwiżiti tas-sikurezza nukleari nazzjonali bbażati fuq l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 8a;

(b) id-detentur ta' liċenzja taħt il-kontroll regolatorju tal-awtorità regolatorja kompetenti, jerġa' jivvaluta sistematikament u regolarment, mill-anqas kull għaxar snin, is-sikurezza tal-installazzjoni nukleari kif stipulat fl-Artikolu 6(c). Dik il-valutazzjoni mill-ġdid tas-sikurezza għandha l-għan li tiżgura l-konformità mal-bażi ta' disinn attwali u tidentifika aktar titjib fis-sikurezza billi tqis kwistjonijiet tal-fatt li ħaġa ssir antika, esperjenza operazzjonali, l-aktar riżultati reċenti tar-riċerka u żviluppi fl-istandards internazzjonali, bl-użu tal-objettiv stabbilit fl-Artikolu 8a bħala referenza.

*Artikolu 8d*

**Stat ta' tħejjija u rispons fuq il-post għal emerġenza**

1. Mingħar preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas nazzjonali jirrikjedi istruttura organizzattiva għall-istat ta' tħejjija u r-rispons fuq il-post għal emerġenza tiġi stabbilita b'allokazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet u koordinazzjoni bejn id-detentur ta' liċenzja, l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet kompetenti filwaqt li jitqiesu l-fażijiet kollha ta' emerġenza.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm konsistenza u kontinwità bejn l-arranġamenti għall-istat ta' tħejjija u r-rispons fuq il-post għal emerġenza li jitlob il-qafas nazzjonali u arranġamenti oħra għall-istat ta' tħejjija u r-rispons għal emerġenza li titlob id-Direttiva 2013/59/Euratom.".

(9) Il-Kapitolu li ġej ddaħħal wara l-Artikolu 8d:

"KAPITOLU 2a

**EVALWAZZJONIJIET BEJN IL-PARI U RAPPURTAR**

*Artikolu 8e*

**Evalwazzjonijiet bejn il-pari**

1. Mill-inqas darba kull għaxar snin, l-Istati Membri għandhom jorganizzaw awtovalutazzjonijiet perjodiċi tal-qafas nazzjonali tagħhom u tal-awtoritajiet regolatorji kompetenti u jistiednu evalwazzjoni bejn il-pari internazzjonali tal-aspetti rilevanti tal-qafas nazzjonali tagħhom u tal-awtoritajiet regolatorji kompetenti tagħhom bil-għan li b'mod kontinwu jtejbu s-sikurezza nukleari. Ir-riżultati ta' tali evalwazzjonijiet bejn il-pari għandhom jiġu rapportati lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fejn disponibbli.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fuq bażi koordinata:

(a) issir valutazzjoni nazzjonali, imsejsa fuq suġġett speċifiku marbut mas-sikurezza nukleari tal-installazzjonijiet nukleari rilevanti fuq it-territorju tagħhom;

(b) l-Istati Membri l-oħra kollha u l-Kummissjoni bħala osservatur huma mistiedna li bħala pari jevalwaw il-valutazzjoni nazzjonali msemmija fil-punt (a);

(c) jittieħdu miżuri ta' segwitu xierqa abbażi tas-sejbiet rilevanti li jirriżultaw mill-proċess tal-evalwazzjoni bejn il-pari;

(d) jiġu ppubblikati r-rapporti rilevanti dwar il-proċess imsemmi hawn fuq u l-eżitu ewlieni tiegħu meta jkunu disponibbli r-riżultati.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu fis-seħħ arranġamenti biex tkun tista' tibda l-ewwel evalwazzjoni bejn il-pari topika fl-2017, u biex, wara din, ikunu jistgħu jsiru mill-inqas kull sitt snin evalwazzjonijiet topiċi sussegwenti bejn il-pari.

4. Fil-każ ta' inċident li jwassal għal sitwazzjonijiet li jirrikjedu miżuri ta' emerġenza lil hinn mill-post jew miżuri protettivi għall-pubbliku ġenerali, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li mingħajr dewmien bla bżonn issir stedina biex issir evalwazzjoni internazzjonali bejn il-pari.".

(10) L-Artikolu 9 jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għall-ewwel darba sat-22 ta' Lulju 2014 u mbagħad sat-22 ta' Lulju 2020.";

(b) il-paragrafu 3 jitħassar.

(11) Fl-Artikolu 10, il-paragrafu li ġej jiddaħħal wara l-paragrafu 1:

"1a. L-obbligi tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-Artikoli 6, 8a, 8b, 8c, u 8d ma għandhomx japplikaw għall-Istati Membri mingħajr installazzjonijiet nukleari, sakemm ma jiddeċidux li jiżviluppaw kwalunkwe attività marbuta mal-installazzjonijiet nukleari soġġetti għal liċenzja taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.".

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-15 ta' Awwissu 2017. Għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistipulaw il-metodi ta' kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva u ta' kull emenda sussegwenti għal dawk id-dispożizzjonijiet.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. C. PADOAN

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/496/PESK

### tat-22 ta' Lulju 2014

### dwar aspetti tal-iskjerament, l-operazzjoni u l-użu tas-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita li jaffettwaw is-sigurtà tal-Unjoni Ewropea u li thassar l-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) B'kunsiderazzjoni, b'mod partikolari, tad-dimensjoni strateġika, il-kopertura reġjonali u globali, u l-użu multiplu, is-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita ("GNSS") tikkostitwixxi infrastruttura sensittiva li l-iskjerament u l-użu tagħha huma suxxettibbli li jaffettwaw is-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

(2) Fejn is-sitwazzjoni internazzjonali tirrikjedi azzjoni operattiva mill-Unjoni u fejn l-operazzjoni tal-GNSS tista' taffettwa s-sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, jew fil-każ ta' theddida għall-operazzjoni tas-sistema, il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa li għandhom jittieħdu.

(3) Għal din ir-raġuni, fit-12 ta' Lulju 2004 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK [1].

(4) Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-kompiti u r-responsabbiltajiet li qabel kienu eżerċitati mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill/Rappreżentant Għoli għandhom issa jiġu eżerċitati mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("ir-RGħ").

(5) Il-progress tal-iżvilupp, il-bidu tal-iskjerament u l-bidu li jmiss tal-użu tas-sistema stabbilita taħt il-programm Galileo jeħtieġu li tiġi adattata l-proċedura kif previst fl-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK.

(6) L-informazzjoni u l-għarfien espert fir-rigward ta' jekk avveniment relatat mas-sistema jikkostitwixxix theddida lill-Unjoni, lill-Istati Membri jew lill-GNSS stess għandha tingħata lill-Kunsill u lir-RGħ mill-Aġenzija Ewropea tas-Sistema ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita ("GSA"), l-Istati Membri, jew il-Kummissjoni. Barra minn hekk, pajjiżi terzi jistgħu wkoll jipprovdu tali informazzjoni.

(7) Ir-rwoli rispettivi tal-Kunsill, ir-RGħ, il-GSA bħala operatur taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo ("GSMC") u l-Istati Membri għandhom jiġu ċċarati fi ħdan il-katina ta' responsabbiltajiet operattivi li għandha tiġi stabbilita sabiex ikun hemm reazzjoni għal theddida għall-Unjoni, għall-Istati Membri jew għall-GNSS.

(8) F'dan ir-rigward, ir-referenzi bażiċi għat-theddidiet jinsabu fid-Dikjarazzjoni dwar ir-Rekwiżiti ta' Sigurtà Speċifiċi għal Sistema li fiha t-theddidiet ġeneriċi ewlenin li għandhom jiġu ttrattati mis-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) inġenerali, u l-Pjan tas-Sigurtà tas-Sistema (PSS) li tinkludi r-reġistru ta' riskju tas-sigurtà fil-proċess ta' akkreditament tas-sigurtà. Dawn ser iservu bħala referenzi biex jidentifikaw it-theddidiet li għandhom jiġu ttrattati speċifikament minn din id-Deċiżjoni u biex jikkompletaw il-proċeduri operazzjonali għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

[1] Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/552/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar aspetti tal-operazzjoni tas-sistema Ewropea tar-radjunavigazzjoni bis-satellita li jaffetwaw is-sigurtà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 246, 20.7.2004, p. 30).

(9) Id-deċiżjonijiet f'każijiet ta' urġenza jistgħu jkollhom jittieħdu fi żmien ftit siegħat mill-wasla tal-informazzjoni dwar it-theddida.

(10) Fil-każ li ċ-ċirkostanzi ma jippermettux li l-Kunsill jieħu deċiżjoni biex titbiegħed theddida jew biex tiġi mitigata ħsara serja għall-interessi essenzjali tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri, ir-RGħ għandha tkun mogħtija s-setgħa li tieħu l-miżuri proviżorji meħtieġa.

(11) Ir-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u r-Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) immodifikaw il-governanza tas-sistemi Ewropej tal-GNSS. B'mod partikolari, l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1285/2013 jipprevedi li l-GSA għandha tiżgura l-operat tal-GSMC.

(12) Ir-Regolament (UE) Nru 512/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jassenja lid-Direttur Eżekuttiv tal-GSA r-responsabbiltà li jiżgura li l-GSA, bħala l-operatur tal-GSMC ikun jista' jirreaġixxi għall-istruzzjonijiet mogħtija taħt l-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK, kif sostitwiti b'din id-Deċiżjoni. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) tistipula r-regoli li taħthom l-Istati Membri, il-Kunsill, il-Kummissjoni, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, l-aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jaċċedu għas-servizz pubbliku regolat (SPR) ipprovdut mill-GNSS stabbilita taħt il-programm Galileo. B'mod partikolari, l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 1104/2011/UE tiddefinixxi lill-GSMC bħala l-interfaċċja operattiv bejn l-awtoritajiet kompetenti tas-SPR, il-Kunsill u r-RGĦ u ċ-ċentri ta' kontroll,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-responsabbiltajiet li għandhom ikunu eżerċitati mill-Kunsill u r-RGħ biex tkun evitata theddida lis-sigurtà tal-Unjoni jew ta' wieħed mill-Istat Membri jew aktar jew biex ikun mitigat dannu serju lill-interessi essenzjali tal-Unjoni jew ta' wieħed mill-Istat Membri jew aktar, li tkun ġejja mill-iskjerament, l-operazzjoni jew l-użu tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita Ewropea, b'mod partikolari b'konsegwenza ta' sitwazzjoni internazzjonali li titlob azzjoni mill-Unjoni jew fil-każ ta' theddida lill-operazzjoni tas-sistema nnifisha jew is-servizzi tagħha.

*Artikolu 2*

Fil-każ ta' tali theddida, l-Istati Membri, il-Kummissjoni jew il-GSA, skont il-każ, għandhom jinfurmaw immedjatament lill-Kunsill u lir-RGħ bl-elementi kollha għad-dispożizzjoni tagħhom li huma jqisu rilevanti.

*Artikolu 3*

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mir-RGħ, għandu jiddeċiedi dwar l-istruzzjonijiet meħtieġa lill-GSA.

2. Il-GSA u l-Kummissjoni għandhom jagħtu parir lill-Kunsill dwar l-impatt usa' probabbli fuq il-GNSS ta' kwalunkwe struzzjoni li għandha ħsieb li tagħti..

3. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ("KPS") għandu jagħti opinjoni lill-Kunsill dwar kwalunkwe struzzjoni proposta, kif ikun xieraq.

*Artikolu 4*

1. Jekk l-urġenza tas-sitwazzjoni titlob li tittieħed azzjoni immedjata qabel ma l-Kunsill ikun ħa deċiżjoni skont l-Artikolu 3(1), ir-RGħ tkun awtorizzata tagħti l-istruzzjonijiet proviżorji meħtieġa lill-GSA. Ir-RGħ tista' tiddelegi lis-Segretarju Ġenerali Eżekuttiv, jew lil wieħed mid-Deputati Segretarji Ġenerali tas-SEAE biex jagħti tali struzzjonijiet lill-GSA. Ir-RGħ għandha minnufih tgħarraf lill-Kunsill u lill-Kummissjoni b'kull struzzjoni maħruġa skont dan il-paragrafu.

([1]) Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) (ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1).

([2]) Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 u r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 1).

([3]) Regolament (UE) Nru 512/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 912/2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 72).

([4]) Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar ir-regoli ta' aċċess għas-servizz pubbliku regolat offrut mis-sistema dinjija ta' navigazzjoni bis- satellita li ġiet stabbilita taħt il-programm Galileo (ĠU L 287, 4.11.2011, p. 1).

2. Il-Kunsill għandu jikkonferma, jimmodifika jew jirrevoka l-istruzzjonijiet proviżorji tar-RGħ kemm jista' jkun malajr.

3. Ir-RGħ għandha żżomm l-istruzzjonijiet proviżorji tagħha taħt rieżami kostanti, temendahom kif adatt jew tirrevokahom jekk ma tkunx meħtieġa aktar l-azzjoni immedjata. Fi kwalunkwe każ, l-istruzzjonijiet proviżorji għandhom jiskadu erba' ġimgħat wara li jinħarġu, jew b'deċiżjoni mill-Kunsill skont il-paragrafu 2.

*Artikolu 5*

Fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, ir-RGħ għandha tħejji, bl-appoġġ tal-esperti mill-Istati Membri, il-proċeduri operattivi bikrija meħtieġa għall-implimentazzjoni prattika tad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni u tippreżentahom għall-approvazzjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà. Il-proċeduri operazzjonali kompleti għandhom jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) fi żmien sena mill-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Il-proċeduri operazzjonali għandhom jiġu rieżaminati u aġġornati mill-KPS mill-inqas kull sentejn.

*Artikolu 6*

1. F'konformità ma' ftehimiet internazzjonali preċedenti konklużi mill-Unjoni jew l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, inklużi dawk li jagħtu aċċess għall-PRS, ir-RGħ skont l-Artikolu 3(5) tad-Deċiżjoni 1104/2011/UE, għandu jkollha l-awtorità li tikkonkludi arranġamenti amministrattivi ma' Stati terzi dwar kooperazzjoni fil-kuntest ta' din id-Deċiżjoni. Tali arranġamenti għandhom ikunu soġġetti għal approvazzjoni mill-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu.

2. Jekk tali arranġamenti jitolbu aċċess għal informazzjoni klassifikata tal-Unjoni, ir-rilaxx jew l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata għandu jkun approvat f'konformità mar-regoli tas-sigurtà applikabbli.

*Artikolu 7*

Il-Kunsill għandu jirrevedi u, kif meħtieġ, jemenda r-regoli u l-proċeduri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni mhux aktar tard minn tliet snin mid-data tal-adozzjoni tagħha, jew fuq talba ta' Stat Membru jew wara kwalunkwe miżura li tittieħed skont l-Artikolu 3.

*Artikolu 8*

L-Istati Membri għandhom, jekk ikun xieraq, jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-qasam tar-responsabbiltà rispettiv tagħhom, f'konformità, fost l-oħrajn, mal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1285/2013. Għal din l-għan, l-Istati Membri għandhom jaħtru punti ta' kuntatt biex jassistu fil-ġestjoni operattiva ta' theddida. Dawn il-punti ta' kuntatt jistgħu jkunu persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

*Artikolu 9*

L-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK hija b'dan imħassra.

*Artikolu 10*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-23 ta' Lulju 2014

## fir-rigward ta' miżuri li jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid tal-*Xylella fastidiosa* (Well u Raju) fl-Unjoni

*(notifikata bid-dokument C(2014) 5082)*

(2014/497/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità ([1]), u b'mod partikolari r-raba' sentenza tal-Artikolu 16(3) tagħha,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/87/UE ([2]) fir-rigward ta' miżuri li jipprevjenu t-tixrid tal-*Xylella fastidiosa* (Well u Raju) (minn hawn' il quddiem "l-organiżmu speċifikat") fl-Unjoni.

(2) Mill-adozzjoni ta' dik id-Deċiżjoni, l-awtoritajiet Taljani wettqu investigazzjonijiet, fiż-żoni infettati u ż-żoni ta' madwarhom, dwar il-preżenza u n-natura tal-organiżmu speċifikat. Dawk l-investigazzjonijiet ipproduċew riżultati preliminari li huma suffiċjenti biex jippermettu l-adozzjoni ta' miżuri aktar preċiżi.

(3) L-investigazzjonijiet tal-awtoritajiet Taljani, kif ukoll l-evidenza xjentifika u teknika disponibbli, ikkonfermaw li l-pjanti tal-ispeċijiet *Catharanthus* G. Don, *Nerium* L., *Olea* L., *Prunus* L., u *Vinca* L. huma pjanti ospitanti tal-organiżmu speċifikat. Skont l-evidenza disponibbli, huwa probabbli li l-pjanti tal-ispeċijiet *Malva* L., *Portulaca* L., *Quercus* L. u *Sorghum* L jistgħu wkoll ikunu pjanti ospitanti ta' dan l-organiżmu. Għalhekk, il-miżuri għandhom japplikaw għal pjanti għat-tħawwil, għajr żrieragħ, tal-ispeċijiet *Catharanthus* G. Don, *Nerium* L., *Olea* L., *Prunus* L., *Vinca* L., *Malva* L., *Portulaca* L., *Quercus* L. u *Sorghum* L. (minn hawn' il quddiem "pjanti speċifikati").

(4) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' pjanti speċifikati minn pajjiżi terzi f'każijiet fejn ikun magħruf li l-organiżmu speċifikat huwa preżenti. Għandhom jiġu adottati rekwiżiti speċifiċi li jikkonċernaw ir-reġistrazzjoni, is-superviżjoni u l-istatus ta' siti ta' produzzjoni, kif ukoll għall-ispezzjonijiet, it-teħid ta' kampjuni, l-ittestjar u t-trasport tal-pjanti speċifikati, sabiex jiġi żgurat li l-pjanti li jiġu introdotti fl-Unjoni jkunu ħielsa mill-organiżmu speċifikat.

(5) Pjanti speċifikati li jkunu tkabbru għal mill-inqas parti minn ħajjithom f'żona demarkata, jew li ġew trasportati f'din iż-żona, għandhom probabbiltà akbar minn pjanti oħra li jkunu ġew infettati mill-organiżmu speċifikat. Għalhekk, it-trasport tagħhom għandu jkun suġġett għal rekwiżiti speċifiċi. Dawn ir-rekwiżiti għandhom ikunu simili għar-rekwiżiti għal pjanti speċifikati introdotti minn pajjiżi terzi fejn ikun magħruf li l-organiżmu speċifikat huwa preżenti.

(6) L-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġ annwali fir-rigward tal-preżenza tal-organiżmu speċifikat fit-territorji tagħhom sabiex jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid tiegħu.

(7) Sabiex jiġi żgurat li tittieħed azzjoni mill-aktar kmieni possibbli kontra l-preżenza potenzjali tal-organiżmu speċifikat, kwalunkwe persuna konxja mill-preżenza ta' dak l-organiżmu għandha tinforma lill-Istati Membri b'dan. Barra minn hekk, u sabiex jiġi żgurat li tittieħed azzjoni xierqa mill-partijiet interessati, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-operaturi professjonali kkonċernati dwar il-possibilità ta' preżenza tal-organiżmu speċifikat fit-territorji tagħhom u l-miżuri li għandhom jittieħdu.

(8) Sabiex jeqirdu l-organiżmu speċifikat u jipprevjenu t-tixrid tiegħu, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu żoni demarkati u jieħdu l-miżuri meħtieġa. Dawk iż-żoni demarkati għandhom ikunu magħmula minn minn żona infestata u żona ta' lqugħ. Il-wisa' taż-żona ta' lqugħ għandha tiġi kkalkulata fid-dawl tar-riskju li l-organiżmu speċifikat jinxtered lejn żoni oħra.

([1]) ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/87/UE tat-13 ta' Frar 2014 fir-rigward ta' miżuri għall-prevenzjoni tat-tixrid tal-*Xylella fastidiosa* (Well u Raju) fl-Unjoni (ĠU L 45, 15.2.2014, p. 29).

(9) Fejn jidher li ma jkunx meħtieġ it-twaqqif ta' żona demarkata biex jiġi eliminat l-organiżmu speċifikat, l-Istat Membru kkonċernat għandu jkollu l-possibbiltà li ma jistabbilixxix żona demarkata minnufih. F'dak il-każ, għandu jelimina l-organiżmu speċifikat fuq il-pjanti fejn l-ewwel ġie misjub li kien preżenti, u għandu jwettaq stħarriġ biex jiddetermina jekk ġewx infettati pjanti oħra.

(10) Għandhom jiġu stabbiliti miżuri speċifiċi biex jiżguraw il-qerda tal-organiżmu speċifikat fejn ikun instab li huwa preżenti.

(11) Għall-finijiet taċ-ċarezza, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/87/UE għandha titħassar.

(12) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "pjanti speċifikati" tfisser il-pjanti għat-tħawwil, għajr żrieragħ, tal-ispeċijiet *Catharanthus* G. Don, *Nerium* L., *Olea* L., *Prunus* L., *Vinca* L., *Malva* L., *Portulaca* L., *Quercus* L. u *Sorghum* L.;

(b) "organiżmu speċifikat" tfisser il-*Xylella fastidiosa* (Well u Raju).

*Artikolu 2*

**Introduzzjoni fl-Unjoni ta' pjanti speċifikati li joriġinaw minn pajjiżi terzi fejn ikun magħruf li l-organiżmu speċifikat huwa preżenti**

Pjanti speċifikati li joriġinaw minn pajjiżi terzi fejn ikun magħruf li l-organiżmu speċifikat huwa preżenti jistgħu jiġu introdotti biss fl-Unjoni jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) huma konformi mar-rekwiżiti speċifiċi għall-introduzzjoni, kif stipulati fit-Taqsima 1 tal-Anness I;

(b) meta jiġu introdotti fl-Unjoni dawn jiġu spezzjonati mill-korp uffiċjali responsabbli skont it-Taqsima 2 tal-Anness I għall-preżenza tal-organiżmu speċifikat;

(c) meta jiġu spezzjonati skont it-Taqsima 2 tal-Anness I, la tinstab il-preżenza u lanqas sintomi tal-organiżmu speċifikat.

*Artikolu 3*

**It-trasport ta' pjanti speċifikati fl-Unjoni**

Pjanti speċifikati li jkunu tkabbru għal mill-inqas parti minn ħajjithom f'żona demarkata stabbilita skont l-Artikolu 7, jew li ġew trasportati f'din iż-żona, għandhom jiġu trasportati lejn u f'żoni differenti miż-żoni infettati, fil-każ biss li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness II.

*Artikolu 4*

**Stħarriġ dwar l-organiżmu speċifikat**

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġ annwali għall-preżenza tal-organiżmu speċifikat fit-territorju tagħhom fuq il-pjanti speċifikati u fuq pjanti possibbilment ospitanti oħra.

Dak l-istħarriġ għandu jitwettaq mill-korp uffiċjali responsabbli, jew taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-korp uffiċjali responsabbli. L-istħarriġ għandu jkun magħmul minn eżamijiet viżwali u, fil-każ ta' xi suspett ta' infezzjoni mill-organiżmu speċifikat, ġbir ta' kampjuni u ttestjar. Dan l-istħarriġ għandu jkun ibbażat fuq prinċipji xjentifiċi u tekniċi tajba, u għandu jitwettaq fi żminijiet xierqa fir-rigward tal-possibbiltà li ssir detezzjoni tal-organiżmu speċifikat.

Dan l-istħarriġ għandu jqis l-evidenza xjentifika u teknika disponibbli, il-bijoloġija tal-organiżmu speċifikat u l-organiżmi trasmittenti, il-preżenza u l-bijoloġija ta' pjanti speċifikati jew pjanti li x'aktarx ikunu pjanti ospitanti tal-organiżmu speċifikat, u kwalunkwe tagħrif ieħor xieraq, dwar il-preżenza ta' dan l-organiżmu speċifikat.

2. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bir-riżultati ta' dak l-istħarriġ sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena.

*Artikolu 5*

**Informazzjoni dwar l-organiżmu speċifikat**

1. Meta xi persuna ssir konxja mill-preżenza tal-organiżmu speċifikat, jew ikollha raġuni biex tissuspetta preżenza simili, dik il-persuna għandha tinforma lill-korp uffiċjali responsabbli minnufih.

Il-korp uffiċjali responsabbli għandu jirreġistra din l-informazzjoni minnufih.

2. Meta jkun xieraq, il-korp uffiċjali responsabbli għandu jitlob lill-persuna msemmija fil-paragrafu 1 biex tipprovdih bi kwalunkwe informazzjoni oħra dwar il-preżenza tal-organiżmu speċifikat li tkun fil-pussess ta' dik il-persuna.

*Artikolu 6*

**Konferma tal-preżenza**

1. Meta l-korp uffiċjali responsabbli jkun ġie infurmat bil-preżenza, jew preżenza suspettata, tal-organiżmu speċifikat abbażi tal-istħarriġ imsemmi fl-Artikolu 4(1), jew skont l-Artikolu 5, dan għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jikkonferma dik il-preżenza.

2. Meta tiġi kkonfermata l-preżenza tal-organiżmu speċifikat f'żona fejn qatt ma kien deher qabel, l-Istat Membru kkonċernat għandu, fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn meta tkun saret il-konferma, jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dik il-preżenza.

L-istess għandu japplika fil-każ ta' konferma uffiċjali tal-preżenza tal-organiżmu speċifikat fuq speċi ta' pjanta li qabel ma kinitx magħrufa bħala pjanta ospitanti. Dawk in-notifiki għandhom jiġu sottomessi bil-miktub.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li operaturi professjonali li l-pjanti speċifikati tagħhom jistgħu jiġu affettwati mill-organiżmu speċifikat, jiġu infurmati minnufih bil-preżenza tal-organiżmu speċifikat fit-territorju ta' dak l-Istat Membru, u jsiru konxji tar-riskji u l-miżuri rispettivi li għandhom jittieħdu.

*Artikolu 7*

**Żoni demarkati**

1. Meta r-riżultati tal-istħarriġ imsemmi fl-Artikolu 4(1) jindikaw il-preżenza tal-organiżmu speċifikat, jew meta din il-preżenza tkun ikkonfermata skont l-Artikolu 6(1), l-Istat Membru kkonċernat għandu jiddemarka żona mingħajr dewmien, minn hawn 'il quddiem imsejħa "żona demarkata".

2. Iż-żona demarkata għandha tkun magħmula minn żona fejn l-organiżmu speċifikat ikun instab li huwa preżenti, minn hawn 'il quddiem imsejħa "żona infettata". Dik iż-żona għandha tkun definita skont it-Taqsima 1 tal-Anness III. Iż-żona demarkata għandha tkun magħmula wkoll minn żona madwar iż-żona infettata, minn hawn' il quddiem imsejħa "iż-żona ta' lqugħ". Dik iż-żona għandha tiġi definita skont it-Taqsima 1 tal-Anness III.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri fiż-żoni demarkati, kif stipulat fit-Taqsima 2 tal-Anness III.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma jistabbilixxix żona demarkata minnufih meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ikun hemm evidenza li l-organiżmu speċifikat ġie introdott fiż-żona reċentement permezz tal-pjanti li nstab fuqhom;

(b) ikun hemm indikazzjoni li dawk il-pjanti kienu diġà infettati qabel l-introduzzjoni tagħhom fiż-żona kkonċernata;

(c) ebda organiżmu trasmittenti rilevanti ma ġie individwat fil-viċinanza ta' dawn il-pjanti, li jipprova li ma seħħ ebda tixrid ieħor tal-organiżmu speċifikat.

F'dak il-każ, għandu jwettaq stħarriġ biex jiddetermina jekk ġewx infettati xi pjanti oħra apparti dawk li fuqhom l-organiżmu speċifikat kien instab oriġinarjament. Abbażi ta' dan l-istħarriġ, l-Istat Membru għandu jiddetermina jekk hemmx ħtieġa li tiġi stabbilita żona demarkata. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-konklużjonijiet ta' dan l-istħarriġ, kif ukoll il-ġustifikazzjoni għaliex mhux qed jistabbilixxi żona demarkata.

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu perjodi taż-żmien għall-implimentazzjoni tal-miżuri stipulati fil-paragrafu 3 u, fejn ikun rilevanti, għat-twettiq tal-istħarriġ imsemmi fil-paragrafu 4.

*Artikolu 8*

**Rappurtar dwar il-miżuri**

1. L-Istati Membri għandhom, fi żmien 30 jum min-notifika msemmija fl-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 6(2), jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, rapport dwar il-miżuri li jkunu ħadu jew li jkun beħsiebhom jieħdu skont l-Artikolu 7(3), kif ukoll il-perjodi ta' żmien imsemmija fl-Artikolu 7(5).

Ir-rapport għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) informazzjoni dwar il-lokazzjoni taż-żona demarkata, u deskrizzjoni tal-karatteristiċi tagħha li jistgħu jkunu rilevanti għall-qerda u l-prevenzjoni tat-tixrid tal-organiżmu speċifikat;

(b) mappa li turi d-delimitazzjoni taż-żona demarkata;

(c) informazzjoni dwar il-preżenza tal-organiżmu speċifikat u l-organiżmi trasmittenti tiegħu;

(d) il-miżuri għall-konformità mar-rekwiżiti dwar it-trasport tal-pjanti speċifikati fl-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 3.

Dan ir-rapport għandu jiddeskrivi l-evidenza u l-kriterji li fuqhom huma bbażati l-miżuri.

2. Sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra rapport li jinkludi verżjoni aġġornata tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 9*

**Revoka**

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/87/KE titħassar.

*Artikolu 10*

**Indirizzati**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

Tonio BORG

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**REKWIŻITI GĦALL-INTRODUZZJONI TA' PJANTI SPEĊIFIKATI, KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 2**

TAQSIMA 1

**Dikjarazzjonijiet li għandhom jiġu inklużi fiċ-ċertifikat, kif imsemmi fl-Artikolu (13)(1)(ii) tad-Direttiva 2000/29/KE**

1. Pjanti speċifikati li joriġinaw f'pajjiżi terzi fejn ikun magħruf li l-organiżmu speċifikat huwa preżenti, jistgħu jiġu introdotti biss fl-Unjoni jekk ikunu akkumpanjati minn ċertifikat fitosanitarju, kif imsemmi fl-Artikolu 13(1)(ii) tad-Direttiva 2000/29/KE, li jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-punt (2) jew fil-punt (3).

2. Iċ-ċertifikat fitosanitarju għandu jinkludi, fit-taqsima "Dikjarazzjoni Addizzjonali", id-dikjarazzjoni li l-pjanti jkunu ġew imkabbra tul ħajjithom kollha f'sit tal-produzzjoni li hu rreġistrat u taħt is-superviżjoni tal-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini u li jinsabu f'żona ħielsa mill-pesti stabbilita minn dik l-organizzazzjoni skont l-Istandards Internazzjonali rilevanti għall-Miżuri Fitosanitarji.

   L-isem taż-żona ħielsa mill-pesti għandu jiġi indikat fir-rubrika "post ta' oriġini";

3. Iċ-ċertifikat fitosanitarju għandu jinkludi, fir-rubrika "Dikjarazzjoni Addizzjonali", dawn l-istqarrijiet:

   (a) il-pjanti speċifikati ġew imkabbra tul ħajjithom kollha f'sit tal-produzzjoni li jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet:

      (i) li huwa stabbilit bħala ħieles mill-organiżmu speċifikat u l-organiżmi trasmittenti tiegħu skont l-Istandards Internazzjonali rilevanti għall-Miżuri Fitosanitarji.

      (ii) li huwa rreġistrat u taħt is-superviżjoni tal-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini.

      (iii) li huwa protett fiżikament kontra l-introduzzjoni tal-organiżmu speċifikat permezz tal-organiżmi trasmittenti tiegħu.

      (iv) li huwa suġġett għal trattamenti fitosanitarji xierqa biex jinżamm ħieles mill-orgamiżmi trasmittenti tal-organiżmu speċifikat.

      (v) li jiġi suġġett annwalment għal tal-inqas żewġ spezzjonijiet uffiċjali li jsiru fi żminijiet xierqa. Fi spezzjonijiet fl-imgħoddi ma nstabu la sintomi tal-organiżmu speċifikat u lanqas organiżmi trasmittenti tiegħu jew, jekk ġew osservati sintomi dubjużi, sar ittestjar u ġie kkonfermat li l-organiżmu speċifikat ma kienx preżenti.

   (b) it-trattamenti fitosanitarji kontra l-organiżmi trasmittenti tal-organiżmu speċifikat jiġu applikati fil-viċinanzi tas-sit tal-produzzjoni.

   (c) il-lottijiet tal-pjanti speċifikati ġew suġġetti għal ittestjar annwali, abbażi ta' teħid ta' kampjuni, u ġiet eskluża l-preżenza asintomatika tal-organiżmu speċifikat.

   (d) il-pjanti speċifikati ġew trasportati barra mill-istaġun ta' kwalunkwe organiżmu trasmittenti magħruf tal-organiżmu speċifikat, jew f'kontenituri jew pakketti magħluqin, biex jiġi żgurat li ma tista sseħħ ebda infezzjoni mill-organiżmu speċifikat jew minn kwalunkwe organiżmu trasmittenti magħruf tiegħu.

   (e) immedjatament qabel l-esportazzjoni, il-lottijiet ta' pjanti speċifikati ġew suġġetti għal spezzjoni viżwali uffiċjali, b'teħid ta' kampjuni u ttestjar, fejn tintuża skema ta' teħid ta' kampjuni li kapaċi tikkonferma b'affidabbiltà ta' 99 % li l-livell tal-preżenza tal-organiżmu speċifikat f'dawn il-pjanti huwa ta' inqas minn 1 % u li tkun maħsuba b'mod speċifiku għal pjanti li juru sintomi dubjużi ta' dak l-organiżmu.

4. Il-punti (2) u (3) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* kemm għal pjanti speċifikati li tkabbru kemm f'żona ħielsa minn pesti kif ukoll għal pjanti li tkabbru f'żoni li mhumiex ħielsa minn pesti.

TAQSIMA 2

**Spezzjoni**

Il-pjanti speċifikati għandhom jiġu spezzjonati b'mod metikoluż minn korp uffiċjali responsabbli fil-punt tad-dħul jew fil-post tad-destinazzjoni stabbilit skont id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/103/KE ([1]). L-ispezzjoni għandha ssir f'forma ta' spezzjonijiet viżwali u, fil-każ ta' suspett ta' preżenza tal-organiżmu speċifikat, f'forma ta' teħid ta' kampjuni u ttestjar ta' kull lott tal-pjanti speċifikati. Il-kampjuni għandhom ikunu ta' daqs li jippermetti l-konferma b'affidabilità ta' 99 % li l-livell tal-preżenza tal-organiżmu speċifikat f'dawn il-pjanti huwa ta' inqas minn 1 %.

---

([1]) Direttiva tal-Kummissjoni 2004/103/KE tas- 7 ta' Ottubru 2004 dwar il-kontrolli ta' l-identità u s-saħħa tal-pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra, elenkati f' Parti B ta' l-Anness V tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE, li jistgħu jiġu esegwiti f'post ieħor li m'huwiex il-punt tad-dħul fil-Komunità jew f'post ieħor fil-qrib u tispeċifika il-kundizzjonijiet li jirrigwardaw dawn il-kontrolli (ĠU L 313, 12.10.2004, p. 16).

*ANNESS II*

**KUNDIZZJONIJIET GĦAT-TRASPORT TA' PJANTI SPEĊIFIKATI FL-UNJONI KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 3**

1. Pjanti speċifikati li jkunu tkabbru għal mill-inqas parti minn ħajjithom f'żona demarkata għandhom jiġu trasportati biss lejn u f'żoni li mhumiex żoni infettati jekk ikunu akkumpanjati minn passaport tal-pjanti mħejji u maħruġ skont id-Direttiva tal-Kummissjoni 92/105/KEE. ([1])

2. Pjanti speċifikati li jkunu tkabbru għal mill-inqas parti minn ħajjithom f'żona demarkata għandhom jiġu trasportati biss lejn u f'żoni li mhumiex żoni infettati jekk, fil-perjodu kollu li jkunu qattgħu fiż-żona demarkata, ikunu jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti flimkien mal-punt (1).

   (a) is-sit tal-produzzjoni fejn tkabbru fiż-żona demarkata jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet:

      (i) li huwa stabbilit bħala ħieles mill-organiżmu speċifikat.

      (ii) li huwa rreġistrat skont id-Direttiva tal-Kummissjoni 92/90/KEE. ([2])

      (iii) li huwa protett fiżikament kontra l-introduzzjoni tal-organiżmu speċifikat permezz tal-organiżmi trasmittenti tiegħu.

      (iv) li huwa suġġett għal trattamenti fitosanitarji xierqa biex jinżamm ħieles mill-orgamiżmi trasmittenti tal-organiżmu speċifikat.

      (v) li jiġi suġġett annwalment għal tal-inqas żewġ spezzjonijiet uffiċjali li jsiru fi żminijiet xierqa. Fi spezzjonijiet fl-imgħoddi ma nstabu la sintomi tal-organiżmu speċifikat u lanqas organiżmi trasmittenti tiegħu jew, jekk ġew osservati sintomi dubjużi, sar ittestjar u ġie kkonfermat li l-organiżmu speċifikat ma kienx preżenti.

   (b) kampjuni rappreżentattivi ta' kull speċi ta' pjanti speċifikati minn kull sit tal-produzzjoni ġew suġġetti għal ittestjar annwali, u ġiet eskluża l-preżenza asintomatika tal-organiżmu speċifikat.

   (c) it-trattamenti fitosanitarji kontra l-organiżmi trasmittenti tal-organiżmu speċifikat jiġu applikati fil-viċinanzi tas-sit tal-produzzjoni.

3. Il-pjanti speċifikati li jiġu trasportati minn u f'żoni demarkati għandhom jiġu trasportati barra mill-istaġun ta' kwalunkwe organiżmu trasmittenti magħruf tal-organiżmu speċifikat, jew f'konterituri jew pakketti magħluqin, biex jiġi żgurat li ma tista sseħħ ebda infezzjoni mill-organiżmu speċifikat jew minn kwalunkwe organiżmu trasmittenti magħruf tiegħu.

---

([1]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 92/105/KEE tat-3 ta' Diċembru 1992 li tistabbilixxi grad ta' standardizzazzjoni għal passaporti ta' pjanti biex jintużaw għaċ-ċaqliq ta' ċerti pjanti, prodotti ta' pjanti jew oġġetti oħra ġewwa l-Komunità, u li tistabbilixxi l-proċeduri dettaljati dwar il-ħruġ ta' passaporti simili u l-kondizzjonijiet u l-proċeduri dettaljati għall-bdil tagħhom (ĠU L 4, 8.1.1993, p. 22).

([2]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 92/90/KEE tat-3 ta' Novembru 1992 li twaqqaf l-obbligi li għalihom produtturi u importaturi ta' pjanti, prodotti ta' pjanti u oġġetti oħra huma suġġetti u li twaqqaf dettalji għar-reġistrazzjoni tagħhom (ĠU L 344, 26.11.1992, p. 38).

*ANNESS III*

**STABBILIMENT TA' ŻONI DEMARKATI U MIŻURI, KIF STIPULAT FL-ARTIKOLU 7**

TAQSIMA 1

**Definizzjoni ta' żoni demarkati**

1. Iż-żona infettata għandha tinkludi l-pjanti kollha magħrufin li huma infettati bl-organiżmu speċifikat, il-pjanti kollha li juru sintomi li jindikaw il-possibbiltà ta' infezzjoni minn dak l-organiżmu, u l-pjanti l-oħra kollha li jistgħu jiġu infettati minn dak l-organiżmu minħabba l-viċinanza tagħhom mal-pjanti infettati, jew is-sors komuni ta' produzzjoni, jekk magħruf, bi pjanti infettati, jew il-pjanti mkabbra minnhom.

2. Iż-żona ta' lqugħ għandha tkun wiesgħa tal-inqas 2 000 m.

   Il-wisa' taż-żona ta' lqugħ tista' titnaqqas sa mill-inqas 1 000 m jekk jiġu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet kollha:

   (a) li jkunu tneħħew il-pjanti infettati, flimkien mal-pjanti kollha li juru sintomi li jindikaw il-possibbiltà ta' infezzjoni mill-organiżmu speċifikat u l-pjanti kollha li ġew identifikati bħala li x'aktarx jiġu infettati. It-tneħħija għandha ssir b'tali mod li ma jifdal ebda materjal mill-pjanta mneħħija;

   (b) li jkun sar stħarriġ ta' delimitazzjoni, li jinkludi ttestjar li għalih tintuża skema ta' teħid ta' kampjuni li kapaċi tikkonferma b'affidabbiltà ta' 99 % li l-livell tal-preżenza tal-organiżmu speċifikat fil-pjanti li jinsabu f'distanza sa 2 000 m mil-limitu taż-żona infettata, huwa ta' inqas minn 0,1 %.

3. Id-delimitazzjoni eżatta taż-żoni għandha tkun ibbażata fuq prinċipji solidi xjentifiċi solidi, il-bijoloġija tal-organiżmu speċifikat u l-organiżmi trażmittenti tiegħu, il-livell ta' infezzjoni, il-preżenza ta' organiżmi trażmittenti, u d-distribuzzjoni ta' pjanti ospitanti possibbli fiż-żona kkonċernata.

4. Jekk tiġi kkonfermata l-preżenza tal-organiżmu speċifikat 'il barra miż-żona infettata, id-delimitazzjoni taż-żona infettata u taż-żona ta' lqugħ għandha tiġi rriveduta u mibdula kif xieraq.

5. Meta f'żona demarkata, abbażi tal-istħarriġ imsemmi fl-Artikolu 4(1) u tal-monitoraġġ imsemmi fil-punt (h) tat-Taqsima 2 ta' dan l-Anness, ma tinstab ebda preżenza tal-organiżmu speċifikat għal perjodu ta' ħames (5) snin, din id-demarkazzjoni tkun tista' titneħħa.

TAQSIMA 2

**Miżuri li għandhom jittieħdu f'żoni demarkati**

F'żona demarkata, l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu dawn il-miżuri li ġejjin sabiex jinqered l-organiżmu speċifikat:

(a) għandu, malajr kemm jista' jkun, ineħħi l-pjanti kollha infettati mill-organiżmu speċifikat, kif ukoll il-pjanti kollha li juru sintomi li jindikaw il-possibbiltà ta' infezzjoni minn dak l-organiżmu u l-pjanti kollha li ġew identifikati bħala li x'aktarx jiġu infettati. Din it-tneħħija għandha titwettaq b'tali mod li ma jifdal ebda materjal mill-pjanta mneħħija, fejn jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex jiġi evitat it-tixrid tal-organiżmu speċifikat matul u wara t-tneħħija.

(b) għandu jwettaq teħid ta' kampjuni u ttestjar tal-pjanti speċifikati, tal-pjanti tal-istess ġenus bħall-pjanti infettati, u tal-pjanri l-oħra kollha li juru sintomi tal-organiżmu speċifikat f'raġġ ta' 200 m madwar il-pjanti infettati, fejn tintuża skema ta' teħid ta' kampjuni li kapaċi tikkonferma b'affidabbiltà ta' 99 % li l-livell tal-preżenza tal-organiżmu speċifikat f'dawn il-pjanti huwa ta' inqas minn 0,1 %

(c) għandu jeqred, *in situ* jew f'post fil-qrib fiż-żona demarkata maħsub għal dan l-għan, il-pjanti sħaħ, partijiet ta' pjanti jew injam li jistgħu jikkontribwixxu għat-tixrid tal-organiżmu speċifikat. Din il-qerda għandha titwettaq b'mod xieraq, fejn jiġi żgurat li l-organiżmu speċifikat ma jiġix imxerred.

(d) għandu jeqred *in situ* jew f'post fil-qrib, kwalunkwe materjal tal-pjanti li joriġina miż-żbir ta' pjanti speċifikati u ta' pjanti tal-istess ġenus tal-pjanti infettati. Din il-qerda għandha titwettaq b'mod xieraq, fejn jiġi żgurat li l-organiżmu speċifikat ma jiġix imxerred permezz tal-organiżmu trasmittenti tiegħu.

(e) għandu jwettaq trattamenti fitosanitarji xierqa ta' pjanti speċifikati u ta' pjanti li jistgħu jospitaw l-organiżmi trasmittenti tal-organiżmu speċifikat biex jipprevjenu t-tixrid tal-organiżmu speċifikat minn dawk organiżmi trasmittenti.

(f) għandu jmur lura għall-oriġini tal-infezzjoni u jittraċċa l-pjanti speċifikati assoċjati mal-każ ta' infezzjoni kkonċernata, li setgħu ġew trasportati qabel ma ġiet stabbilita ż-żona demarkata. L-awtoritajiet rilevanti taż-żona ta' destinazzjoni ta' dawk il-pjanti għandhom jiġu infurmati bid-dettalji rispettivi kollha ta' dan it-trasport ta' pjanti, biex issir eżaminazzjoni tal-pjanti u jiġu applikati miżuri xierqa, fejn rilevanti.

(g) għandu jipprojbixxi t-tħawwil tal-pjanti speċifikati u ta' pjanti tal-istess ġenus tal-pjanti infettati f'siti li mhumiex ħielsa minn organiżmi trasmittenti.

(h) għandu jwettaq monitoraġġ intensiv għall-preżenza tal-organiżmu speċifikat mill-inqas permezz ta' spezzjonijiet annwali fi żminijiet xierqa, b'attenzjoni partikolari fuq iż-żona ta' lqugħ u fuq il-pjanti speċifikati u l-pjanti tal-istess ġenus bħall-pjanti infettati, li jkun jinkludi l-ittestjar, b'mod partikolari ta' xi pjanti sintomatiċi. L-għadd ta' kampjuni għandu jiġi indikat fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 8.

(i) għandu jwettaq attivitajiet li jżidu l-għarfien pubbliku dwar it-theddid li jġib miegħu l-organiżmu speċifikat u l-miżuri adottati biex jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid tiegħu fl-Unjoni, inklużi l-kundizzjonijiet dwar it-trasport tal-pjanti speċifikati miż-żona demarkata, stabbiliti skont l-Artikolu 7.

(j) għandu, fejn ikun meħtieġ, jieħu miżuri speċifiċi li jindirizzaw kwalunkwe sitwazzjoni partikolari jew kumplikazzjoni li x'aktarx tista' tipprevjeni, tfixkel jew iddewwem il-qerda, partikolarment dawk relatati mal-aċċessibbiltà u l-qerda xierqa tal-pjanti kollha li jkunu infettati jew li jkun hemm suspett li huma infettati, ikunu fejn ikunu, humiex tal-pubbliku jew tal-privat, jew hi min hi l-persuna jew l-entità li hi responsabbli għalihom.

(k) għandu jieħu kwalunkwe miżura oħra li tista' tikkontribwixxi għall-qerda tal-organiżmu speċifikat, b'kunsiderazzjoni tal-ISPM Nru 9 [1] u bl-applikazzjoni ta' approċċ integrat skont il-prinċipji stipulati fl-ISPM Nru 14 [2].

---

[1] Linji gwida għall-programmi ta' qerda tal-pesti — Standard ta' Referenza ISPM Nru 9 tas-Segretarjat tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti, Ruma. Ippubblikat fil-15 ta' Diċembru 2011.

[2] L-użu ta' miżuri integrati f'approċċ sistematiku għall-kontroll tar-riskju ta' pesti — Standard ta' Referenza ISPM Nru 14 tas-Segretarjat tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti, Ruma. Ippubblikat fit-8 ta' Jannar 2014.

# RETTIFIKA

## Rettifika għad-Deċiżjoni Nru 2 tal-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji tal-21 ta' Mejju 2014 rigward it-talba tar-Repubblika tal-Moldova biex issir Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 217 tat-23 ta' Lulju 2014)*

F'paġna 88, in-nota ta' qiegħ il-paġna (2):

*minflok:* "(2)",

*aqra:* "(*)".

**Rettifika għad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (Tfassil mill-ġdid)**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 335 tas-17 ta' Diċembru 2009)*

F'paġna 132, Anness VII, Tabella tal-Korrelazzjonijiet, il-kolonna"Din id-Direttiva", il-linja ta' qabel tal-aħħar:

*minflok:* "—";

*aqra:* "Artikolu 13(27)".

F'paġna 133, il-kolonna "Din id-Direttiva", l-għaxar u l-ħdax-il linja:

*minflok:* "Artikolu 18 punt (g)
Artikolu 18 punt (h)";

*aqra:* "Artikolu 18 (1) punt (g)
Artikolu 18 (1) punt (h)".

F'paġna 134, il-kolonna "Direttiva 73/239/KEE", l-ewwel linja:

*minflok:* "Artikolu 8(1a)";

*aqra:* "Artikolu 8(1)(a)".

F'paġna 136, il-kolonna "Direttiva 2002/83/KE", l-ghaxar linja:

*minflok:* "Artikolu 28 u 28 (a)";

*aqra:* "Artikolu 28 u 28a".

F'paġna 136, il-kolonna "Direttiva 2002/83/KE", l-aħħar linja:

*minflok:* "Artikolu 13(3), l-ewwel u t-tieni subparagrafu (a) u (b)";

*aqra:* "Artikolu 13(3), l-ewwel subparagrafu u t-tieni subparagrafu, punti (a) u (b)".

F'paġna 148, Anness VII, Tabella tal-Korrelazzjonijiet, il-kolonna "Din id-Direttiva", ir-raba' linja:

*minflok:* "Artikolu 210(1), punt (F)";

*aqra:* "Artikolu 212(1), punt (f)".

F'paġna 148, Anness VII, Tabella tal-Korrelazzjonijiet, il-kolonna "Din id-Direttiva", il-ħames linja:

*minflok:* "Artikolu 210(1), punt (G)";

*aqra:* "Artikolu 212(1), punt (g)".

F'paġna 152, il-kolonna "Direttiva 2002/83/KE", it-tmien linja:

*minflok:* "Artikolu 19(1), it-tieni subparagrafu, it-tieni inċiż";

*aqra:* "Artikolu 19(1), l-ewwel subparagrafu, it-tieni inċiż".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT